MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2003

Appell Civili Numru. 711/2002/1

**Chairman tal-kumpanija Public Broadcasting Services Limited u Chief Executive ta' l-istess kumpanija Public Broadcasting Services Limited flimkien in rappresentanza ta' l-istess socjeta`**

**vs**

**Awtorita` tax-Xandir u b'digriet tat-12 ta' Lulju, 2002 dahlu fil-kawza in statu et terminis Dr Alfred Sant bhala Kap ta' l-Opposizzjoni u mexxej tal-Malta Labour Party u Emanuel Cuschieri u Jimmy Magro ghan-nom u in rappresentanza ta' l-istess partit**

**Il-Qorti;**

Rat ic-citazzjoni presentata mill-atturi (illum appellanti) li tghid hekk:
"Billi s-socjeta' attrici hija responsabbli ghax-xandir fuq l-istazzjon tat-televizjoni TVM;

Billi fis-6 ta' Gunju 2002, fuq ilment tal-Partit Laburista dwar l-ispots tal-MIC (Malta Information Centre), l-Awtorita' tax-Xandir tat din id-decizjoni;

*".... L-Awtorita' tqis:*

*(1) din id-decizjoni in kwantu tolqot l-ispots konformi ma' ohra deciza minnha (allura diversament komposta) fuq ilment simili mehuda fl-4 ta'Jannar 2001 ....*

*(2) illi din id-decizjoni m'hijiex mahsuba biex tghaddi gudizzju dwar l-operat tal-M.I.C. jew il-korrettezza tal-konvenut ta' l-ispots.*

*Biex taghti effett ghal din id-decizjoni l-Awtorita' tinfurmak illi:*

*(a) ir-rimedju ghall-ilment ghandu jinghata b'effett mill-10 ta' Gunju, 2002;*

*(b) il-hin li ghandu jigi allokat skond id-deciizjoni tad-29 ta' Mejju 2002 ghall-ghoti ta' informazzjoni mill-M.L.P. fuq ix-xandir pubbliku jkun komputat mill-Awtorita' kull gimgha b'effett mis-17 ta' Gunju 2002. Il-Partit Laburista jkun liberu li juza dak il-hin li jirrizulta hekk komputat kif jidhrilu soggett li:*

*i) jigi uzat biss ghal produzzjoni u xandir ta' information spots fattwali rilevanti ghall-alternattiva ghas-shubija fl-Unjoni Ewropea bla ma jinghataw opinjonijiet;*

*ii) dawn l-ispots bhal tal-M.I.C. jigu sottomessi ghall-approvazzjoni ta' l-Awtorita' skond it-termini tad-decizjoni fuq espressa;*

*iii) ikunu ta' durata ta' bejn 5 u 60 sekonda u ghandhom jigu rounded off ghall-fini ta' kalkolu f'multiples ta' hames sekondi;*

*iv) dawn l-ispots prodotti mill-M.L.P. ikunu mxandra fuq l-istazzjonijiet tax-xandir pubbliku f'hinijiet maghzula mill-M.L.P. izda f'intervalli diga' riservati mill-PBS Ltd. ghar-reklami;*

*v) ix-xandir pubbliku jipprovdi facilitajiet u l-hin skond kif hawn fuq ghax-xandir ta' dawn l-ispots prodotti mill-M.L.P. b'dan li jkun hemm intervall ta' hin ta' mhux anqas minn siegha bejn ix-xandir ta' spots ta' fehmiet differenti;*

*vi) dawn l-ispots ghandhom ikunu identifikati sewwa fuq l-iscreen tat-televizjoni bil-logo tal-Partit Laburista;*

*vii) dawn l-ispots iridu jixxandru minn PBS Ltd. b'ordni ta' l-Awtorita' tax-Xandir;*

*viii) dawn l-ispots ghandhom jaslu ghand l-Awtorita' jumejn tax-xoghol qabel id-data tat-trasmissjoni fuq beta tape u VHS tape;*

*ix) L-Awtorita' tirriserva d-dritt li tirregola x-xandir ta' l-ispots kollha jekk u meta hekk jidhrilha li c-cirkostanzi jirrikjedu. F'kull kaz l-ispots kollha, joriginaw minn fejn joriginaw, jieqfu immedjatament li jithabbar il-bidu ta' kampanja referendarja jew elettorali jew minn meta jibdew isehhu arrangamenti ohra."*

Billi fit-13 ta' Gunju 2002 l-Awtorita' tax-Xandir infurmat lill-Kap Ezekuttiv tal-kumpanija attrici Public Broadcasting Services Limited illi:

*".... L-Awtorita' ddecidiet li b'riferenza ghall-kundizzjoni (b) (v) tad-decizjoni ta' l-Awtorita' tas-6 ta' Gunju 2002, il-kelma "siegha" tigi taqra "kwarta"."*

Billi l-imsemmija decizjoni ta' l-Awtorita' tivvjola serjament id-drittjiet tal-kumpanija attrici Public Broadcasting Services Limited in kwantu din qed tigi ingustament imgeghelha taghti lil partit politiku hin *"diga' riservat mill-PBS Ltd ghar-reklami"*, bil-konsegwenza li s-socjeta' attrici titlef fondi u introjtu mill-hin limitat ghad-disposizzjoni taghha ghar-reklami;

Billi d-decizjoni ta' l-Awtorita' tax-Xandir tirrendi din is-sitwazzjoni ferm aktar gravi billi timponi dan kollu fuq is-socjeta' Public Broadcasting Services Limited minghajr hlas ta' ebda kumpens jew risarciment tat-telf u danni kummercjali sofferti, u ghalhekk hija manifestament zbaljata;

Billi ghall-kuntrarju, il-Malta-EU Information Centre (MIC) ihallas ghall-ispots tieghu mxandra fuq l-istazzjon TVM;

Billi l-Partit Nazzjonalista diga' ta hjiel li ser jaghmel applikazzjoni simili ghal dik tal-Partit Laburista u jekk dan jinghata l-istess facilita' li jaghmel spots b'xejn fuq l-istazzjon TVM "f'intervalli diga' riservati mill-PBS Ltd. ghar-reklami", allura d-danni kummercjali jirduppjaw. Jekk imbaghad issir talba ohra simili mill-Alternattiva Demokratika u tinghatalha l-istess facilita' li taghmel spots b'xejn fuq l-istazzjon TVM "f'intervalli diga' riservati mill-PBS Ltd. ghar-reklami", allura s-socjeta' attrici zgur tikkollassa;

Billi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess,il-Kostituzzjoni ta' Malta ma tiddistingwix bejn stazzjon privat u stazzjon pubbliku, ossia bejn xandir privat u xandir pubbliku;

Billi b'ittra datata 14 ta' Gunju 2002 ic-Chairman tas-socjeta' attrici Public Broadcasting Services Limited baghat jinforma lill-Awtorita' tax-Xandir illi qed jiehu parir legali fir-rigward sabiex jara jekk l-imsemmija decizjoni ghandhiex tigi kkontestata skond il-ligi;

Billi b'ittra datata 20 ta' Gunju 2002 il-Kap Ezekuttiv ta' l-Awtorita' tax-Xandir informa lic-Chairman tas-socjeta' attrici illi:

*"L-Awtorita' rceviet l-ittra tieghek tal-14 ta' Gunju 2002 u hadet nota taghha. Hija ddiskutietha waqt il-laqgha taghha tal-bierah u talbitek biex tikkonforma mad-decizjoni taghha."*

Billi b'ittra ohra mibghuta fl-20 ta' Gunju 2002 il-konsulent legali ta' Public Broadcasting Services Limited informa lill-Kap Ezekuttiv ta' l-Awtorita' tax-Xandir:

*"Nixtieq ninfurmak illi l-Public Broadcasting Services Limited sejra tikkontesta d-decizjoni ta' l-Awtorita' tax-Xandir bil-mezzi kontemplati fil-Ligi. Ghaldaqstant, hija thoss li ma ghandha taghmel xejn li jkun ta' pregudizzju ghaliha f'dan l-istadju."*

Billi b'ittra ohra mibghuta fl-20 ta' Gunju 2002 il-Kap Ezekuttiv ta' l-Awtorita' tax-Xandir informa lill-konsulent legali tas-socjeta' attrici illi:

*"Il-kontenut ta' din l-ittra bl-ebda mod ma jiggustifika lil PBS Ltd. li ma jobdix direttiva ta' l-Awtorita' moghtija skond il-ligi."*

Billi l-ghemil ta' l-Awtorita' tax-Xandir huwa 'ultra vires' peress li l-imsemmija decizjoni tippregudika serjament id-drittijiet u l-interessi tas-socjeta' attrici u inoltre hija wahda irragonevoli, ingusta, oppressiva u illegali. Ghalhekk, Pubic Broadcasting Services Limited ghandha dritt titlob stharrig gudizzjarju skond il-ligi;

Billi l-ghemil ta' l-Awtorita' konvenuta huwa 'ultre vires' skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12;

Billi l-ghemil ta' l-Awtorita' konvenuta jikser ukoll il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Kapitolu 350;

Ghalhekk tghid l-Awtorita’ konvenuta ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-ghemil ta’ l-Awtorita’ tax-Xandir huwa ‘ultra vires’ peress li l-imsemmija decizjoni tippregudika serjament id-drittijiet u l-interessi tas-socjeta’ attrici u hija wahda irragonevoli, ingusta, oppressiva u illegali, ossia jmur kontra l-ligi;

2. Tiddikjara illi l-ghemil ta’ l-Awtorita’ konvenuta huwa ‘ultra vires’ skond id-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12;

3. Tiddikjara illi l-ghemil ta’ l-Awtorita’ konvenuta jikser ukoll il-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-Kapitolu 350;

4. Tiddikjara l-imsemmija decizjoni moghtija mill-Awtorita’ tax-Xandir, kif emendata, nulla, invalida u minghajr effett;

5. Tiddikjara inoltre illi l-Kostituzzjoni ta’ Malta ma tiddistingwix bejn stazzjon privat u stazzjon pubbliku, ossia bejn xandir privat u xandir pubbliku, u dan kuntrarjament ghal dak li jintqal fid-decizjoni attakkata;

6. Tiddikjara wkoll nulla, invalida u minghajr effett id-decizjoni tad-29 ta’ Mejju 2002 in kwantu din tissemma’ fil-paragrafu (b) tad-decizjoni attakkata (pagna 5);

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittri privati tal-14 ta’ Gunju 2002 u tal-20 ta’ Gunju 2002, kontra l- Awtorita’ konvenuta, li hija ngunta ghas-subizzjoni;

Ghal din ic-citazzjoni, l-Awtorita` konvenuta wiegbet hekk:
1. Illi din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex il-gurisdizzjoni necessarja sabiex tissindika d-decizjoni ta’ l-Awtorita’ tax-Xandir mehuda skond il-poteri konferiti lilha bis-sahha ta’ l-artikolu 119 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta - ara, f’dan is-sens, l-artikolu 118 (8) tal-Kostituzzjoni li jipprovdi b’mod car illi fl-ezercizzju tal-funzjonijiet kostituzzjonali

taghha l-Awtorita’ tax-Xandir mhix soggetta ghad-direzzjoni jew il-kontroll ta’ xi persuna jew awtorita’ ohra;

2. Subordinatament u fil-mertu meta l-Awtorita’ tax-Xandir taghti rimedju biex jigi radrizzat zbilanc dan taghmlu fid-diskrezzjoni taghha u tali diskrezzjoni giet ezercitata skond il-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-Att dwar ix-Xandir, Kapitlu 350 tal-Ligijiet ta’ Malta, u skond prassi ormai kristallizzata li rimedju moghti mill-Awtorita’ tax-Xandir irid jingarr b’xejn mill-istazzjon koncernat bl-istess mod li meta qorti tordcna li tinghata dritt ta’ risposta l-editur koncernat ma jistax jippretendi l-ebda forma ta’ hlas meta jippubblika r-risposta ordnata mill-Qorti;

Illi ghalhekk id-decizjoni ta’ l-Awtorita’ hija wahda proporzjonata u fil-parametri tal-Kostituzzjoni u tal- ligi;

Permezz ta’ sentenza elaborata datata 5 ta’ Settembru, 2002 – liema sentenza qed tigi annessa fit-totalita` taghha bhala appendici “A” ma din is-sentenza ta’ l-appell, biex tifforma parti integrali minnha – il-Prim Awla tal-Qorti Civili iddecidiet il-vertenza billi:

1. cahdet l-ewwel eccezzjoni ta’ l-Awtorita` tax-Xandir,
2. laqghet it-tieni eccezzjoni ta’ l-Awtorita` tax-Xandir u ddikjarat li d-decizzjoni mehuda mill-imsemmija Awtorita` fis-6 ta’ Gunju, 2002, kif sussegwentement mibdula fit-13 ta’ Gunju, 2002 kienet proporzjonata u fil-parametri tal-Kostituzzjoni u tal-ligi, u ghalhekk kienet torbot lill-kumpanija attrici;
3. konsegwentement cahdet l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba’ u s-sitt talbiet attrici;
4. laqghet il-hames talba attrici – liema talba ma kienitx kontestata – u ddikjarat li l-Kostituzzjoni ma taghrafx bejn xandir privat u xandir pubblika, imma bil-kwalifika ghal din id-dikjarazzjoni kif imfissra fil-parti deliberattiva ta’ dik l-istess sentenza; u
5. ordnat li l-ispejjez jithallsu mill-partijiet skond ir-rispettiv rebh u telf.

Permezz ta’ rikors ta’ appell datat 16 ta’ Settembru, 2002 is-socjeta` attrici appellat minn din is-sentenza u talbet ir-riforma taghha. L-Awtorita` tax-Xandir wiegbet permezz ta’ risposta datata 19 ta’ Settembru, 2002 u talbet li s-sentenza ta’ l-Ewwel Qorti tigi konfermata. Din il-Qorti, wara li rat l-atti kollha tal-kawza (kif ukoll l-atti tal-kawza fl-ismijiet *Dr. Alfred Sant noe. et v. Chairman Awtorita` tax-Xandir et* Citaz. Nru. 738/02 JRM, u dan in vista tal-verbal registrat fl-udjenza tal-25 ta’ Lulju, 2002, fol. 52) u semghet lill-abbili difensuri tal-partijiet kollha koncernati, sejra permezz ta’ din is-sentenza taghti d-decizjoni taghha fuq l-appell interpost mis-socjeta` attrici.

Kif tajjeb gie osservat fis-sentenza appellata, din il-kawza hija essenzjalment wahda ta’ “judicial review” skond l-Artikolu 469A tal-Kap. 12. Is-socjeta` attrici qed tippretendi li d-decizjoni u ordni lilha moghtija ta’ l-Awtorita` tax-Xandir tas-6 ta’ Gunju, 2002 (kif modifikata bid-decizjoni tat-13 ta’ Gunju, 2002) kif riportata fl-istess citazzjoni (*supra*) hija invalida u ghandha tigi hekk dikjarata nulla, invalida jew minghajr effett ghax kienet decizzjoni “ultra vires” fit-termini ta’ dak li jipprovdi l-Artikolu 469A imsemmi, kif ukoll ghax kienet tikser il-Kostituzzjoni kif ukoll id-disposizzjonijiet tal-Kap. 350 (cioe` l-Att Dwar ix-Xandir). Permezz ta’ din id-decizjoni l-Awtorita` tax-Xandir kienet ordnat lill-Public Broadcasting Services Ltd. sabiex ixandar b’xejn *spots* tal-Malta Labour Party, u dana bhala rimedju ghall-istess M.L.P. minhabba *spots* li kienu qed jixxandru mill-Malta-E.U. Information Centre (M.I.C.). Dawn l-i*spots* tal-M.I.C. kienu qed jixxandru in forza ta’ kuntratt iffirmat bejn l-istess M.I.C. u l-P.B.S., u kien qed jixxandru bi hlas. Tajjeb li wiehed, qabel xejn, jara d-disposizzjonijiet tal-ligi applikabbli in materja, u dan peress li, fil-fehma ta’ din il-Qorti, il-kwistjoni hija verament aktar semplici milli qed jaghmluha l-partijiet. Anzi din il-Qorti thoss li huwa doveruz li zzid li l-partijiet quddiem l-ewwel qorti kkomplikaw inutilment il-vertenza b’mod li inducew lill-ewwel qorti sabiex telabora inutilment fit tul dwar diversi aspetti ta’ l-istess vertenza. Dan qed jinghad mhux b’xi forma ta’ kritika lill-ewwel qorti, li tat sentenza studjata u dettaljata, izda ghax thoss li hu fl-interess ta’ kulhadd – u fl-interess generali ta’ l-

amministrazzjoni tal-gustizzja – li l-affarijiet jigu (s'intendi, fejn hu possibbli) simplifikati u mhux kumplikati inutilment.

Ma hemmx dubbju li l-Awtorita` appellata hija l-*watchdog* u r-regolatur ghal dak li jirrigwarda x-xandir, kemm pubbliku kif ukoll privat, f'Malta. L-Artikolu 3 ta' l-Att dwar ix-Xandir (Kap. 350) jipprovdi, *inter alia*, hekk:

"3 (1) Minghajr pregudizzju u b'zieda mal-funzjonijiet taht l-artikolu 119 tal-Kostituzzjoni, l-Awtorita` jkollha l-funzjoni li tirregola servizzi ta' xandir ta' smigh u ta' televizjoni f'Malta u li tohrog licenzji ghall-ghoti ta' dawk is-servizzi skond dan l-Att.
(2) L-Awtorita` jkollha wkoll il-jedd li taghti hi nnifisha jew permezz ta' kuntratturi tax-xandir, skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, servizzi ta' xandir ta' smigh u televizjoni f'Malta."

L-Artikolu 13 ta' l-istess Kap. 350 jipprovdi *inter alia*:

"13 (2) Ikun id-dmir ta' l-Awtorita` li tissodisfa lilha nnifisha illi, kemm jista' jkun, il-programmi mxandra minn persuni li jaghtu servizzi ta' xandir ta' smigh jew ta' televizjoni f'Malta jkunu konformi ma' dawn il-htigiet li gejjin, jigifieri –
....
(f) li tinzamm l-imparzjalita` dovuta dwar hwejjeg ta' kontroversja politika jew industrijali jew li ghandhom x'jaqsmu ma' *policy* pubblika kurrenti:

Izda, <u>hlief fil-kaz ta' servizzi pubblici tax-xandir</u> [1], fl-applikazzjoni tal-paragrafi (c) sa (f) ta' dan is-subartikolu, l-Awtorita` tista' tikkonsidra l-produzzjoni generali ta' programmi provduti mid-detenturi ta' licenzji u kuntratturi tax-xandir diversi, ilkoll flimkien bhala haga wahda.
....
(4) Ikun ukoll id-dmir ta' l-Awtorita` li, minn zmien ghal zmien torganizza skemi ta' xandiriet politici (maghdudin *spots* politici) li jkunu jiddistribwixxu b'mod gust il-facilitajiet u z-zmien bejn il-partiti politici diversi rapprezentati fil-Parlament; li tipproduci diskussjonijiet jew

[1] Sottolinear ta' din il-Qorti.

dibattiti li jkunu bilancjati b'mod gust li jaghtu opportunita` ta' smigh ta' persuni minn gruppi b'interessi partikolari li jkunu differenti u b'punti di vista differenti, kif ukoll li tipproduci kummentarji jew programmi ohra dwar materji li ghandhom x'jaqsmu ma' *policy* pubblika kurrenti, li fihom min ikun qieghed jiehu sehem jista' jxandar veduti u kummenti differenti.

(5) Sabiex twettaq id-dmir taghha taht is-subartikolu (4), l-Awtorita` ghandha b'zieda mas-setghat kollha taghha, ikollha l-jedd li tordna lil xi persuna jew lill-persuni kollha li jipprovdu s-servizzi ta' xandir f'Malta intizi biex jigu ricevuti f'Malta sabiex jaghtu, minghajr ebda hlas, kull facilita` ta' *recording* u facilitajiet ohra li jistghu jinhtiegu ghall-produzzjoni tal-programmi msemmija ghar-radju u ghat-televizjoni, kif ukoll sabiex jitrasmettu, minghajr ebda hlas, f'dawk il-jiem u f'dawk il-hinijiet li l-Awtorita` tistabilixxi, l-istess programmi:
Izda s-setghat ta' l-Awtorita` taht dan is-subartikolu jistghu biss jithaddmu sakemm dak it-thaddim huwa gustifikat b'mod ragonevoli f'socjeta` demokratika."

Pero` d-disposizzjoni li taghti l-aktar poteri vasti, u l-ikbar diskrezzjoni, lill-Awtorita` tax-Xandir hija certament l-Artikolu 15, li jghid hekk:

"15 L-Awtorita` ghandha jedd li taghti lil kull min ikun qieghed jaghti, jew ikun responsabbli ghall-ghoti ta' xi servizz tax-xandir ta' smigh jew ta' televizjoni f'Malta, dawk id-direttivi bil-miktub li l-Awtorita` tista' tqis mehtiega jew spedjenti ghat-twettiq xieraq tal-funzjonijiet imsemmija fl-artikolu 119 tal-Kostituzzjoni u ghall-adempiment xieraq ta' kull dmir iehor jew funzjoni ohra msemmija f'dan l-Att, maghdudin direttivi li wiehed ma jxandarx, jew li jxandar, jew li jara li tixxandar, jew li jipprovdi kundizzjonijiet ghax-xandir ta' kull haga msemmija fid-disposizzjonijiet imsemmija qabel tal-Kostituzzjoni u ta' dan l-Att, u maghdudin direttivi li jehtiegu l-ghoti bil-quddiem ta' *scripts* u partikularitajiet ta' programmi, l-ghoti ta' *recordings* ta' programmi u l-ghoti ta' dak it-taghrif iehor li l-Awtorita` tista' tehtieg b'mod ragonevoli ghall-finijiet imsemmija qabel."

Disposizzjoni ohra li hija indikattiva ghall-finijiet tal-vertenza in dizamina hija s-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 25: "25 (2) Ebda nefqa ma ghandha ssir jew tiggarrab mill-Awtorita` jekk din ma tkunx bilancjata bid-dhul li taghmel l-istess Awtorita`, hlief kif jista' jkun mehtieg ghat-twettiq tal-funzjonijiet taghha taht is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 119 tal-Kostituzzjoni."

It-Tieni Skeda ta' l-Att dwar ix-Xandir, li titkellem dwar Pjan Nazzjonali ghax-Xandir, tipprovdi, fil-partijiet 17, 18 u 19 hekk:

"17 Il-monopolju ta' l-Istat fix-xandir f'Malta se jintemm.

18 Il-mezzi pubblici tax-xandir f'Malta issa se jinkludu: (a) Public Broadcasting Services Ltd., bil-kanal tat-televizjoni taghha u zewg servizzi bir-radju; (b) Il-kanal tal-komunita` u l-kanal edukattiv tas-sistema bil-*cable*.

19 Ix-xandir pubbliku ghandu r-responsabbilta` partikolari li jipprovdi ahbarijiet u programmi ta' avvenimenti kurrenti li jirrispettaw il-htigiet kostituzzjonali ta' imparzjalita`. Dawn iridu jimxu ma' principji gurnalistici li jizguraw servizz ta' informazzjoni li jaghti stampa cara u qrib il-verita` fl-interess ta' socjeta` demokratika u pluralistika…."

U, s'intendi, hemm id-disposizzjoni tal-ligi suprema li hija l-Kostituzzjoni, u cioe` l-Artikolu 119 ta' l-istess Kostituzzjoni, fejn wiehed isib hekk:

"119 (1) Tkun funzjoni ta' l-Awtorita` dwar ix-Xandir li tizgura illi, safejn ikun possibbli, f'dawk is-servizzi ta' xandir ta' smigh u televizjoni li jistghu jkunu provduti f'Malta, tigi mizmuma imparzjalita` xierqa dwar hwejjeg ta' kontroversja politika jew industrijali jew li jirreferixxu ghal *policy* pubblika kurrenti u illi l-facilitajiet u l-hin ta' xandir huma mqassma b'mod xieraq bejn persuni li jkunu ta' partiti politici differenti.

(2) Il-funzjoni ta' l-Awtorita` dwar ix-Xandir imsemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu tkun bla hsara ghal dawk il-funzjonijiet u dmirijiet l-ohra li jistghu jigu moghtija lilha b'xi ligi li tkun dak iz-zmien issehh f'Malta."

Minn dawn, u minn disposizzjonijiet ohra li pero` din il-Qorti ma thossx li ghandha tirriproduci (hafna minnhom huma diga msemmija fis-sentenza appellata) jistghu jitnisslu s-segwenti principji jew regoli:

1. Fil-qasam tax-xandir liberalizzat u pluralistiku kif inhu llum f'Malta, hu xorta wahda mehtieg li tinzamm imparzjalita` xierqa f'materja ta' kontroversja politika jew industrijali kif ukoll f'materja ta' *current public policy*;

2. Id-dmir li tinzamm din l-imparzjalita` jinkombi fuq kull min jaghti servizz ta' xandir ta' smigh jew ta' televizjoni, izda jinkombi b'mod specjali fuq is-servizzi pubblici tax-xandir[2], inkluza ghalhekk il-P.B.S., tenut kont ukoll tal-fatt li hija ffinanzjata in parti minn fondi pubblici;

3. Fejn tali imparzjalita` xierqa ma tinzammx, hemm id-dmir fuq l-Awtorita` tax-Xandir li tintervjeni u li taghti dawk id-direttivi kollha mehtiega sabiex dik l-imparzjalita` tigi ripristinata;

4. Sabiex tkun tista' twettaq dan id-dmir taghha, l-imsemmija Awtorita` ghandha poteri vasti u diskrezzjoni wiesgha hafna;

5. Dawn il-poteri u din id-diskrezzjoni ta' l-Awtorita` tax-Xandir iridu, izda, jigu ezercitati entro l-limiti ta' principji generali li fuqhom hija mibnija s-saltna tad-dritt f'socjeta` demokratika kif mifhuma fl-Ewropa llum; fi kliem iehor dawn il-poteri u din id-diskrezzjoni jridu jigu ezercitati (1) skond il-ligi, (2) b'mod ragjonevoli, u (3) b'mod li jigu mharsa d-drittijiet fondamentali tal-bniedem;

6. L-arbitru ahhari ta' jekk l-Awtorita` tax-Xandir tkunx agixxiet skond dawn il-principji generali jew, f'kaz li jigi allegat li l-Awtorita` tkun naqset milli tagixxi meta kellha

[2] Ara l-proviso, aktar 'l fuq riprodott f'din is-sentenza, tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 13 tal-Kap. 350.

suppost tagixxi, ta' jekk tkunx hekk naqset milli tagixxi, hija l-Qorti[3];

7. Meta l-Awtorita` tax-Xandir taghti ordni jew direttiva li tkun *prima facie* regolari fil-forma u fil-kontenut taghha, dak l-ordni jew dik id-direttiva ghandha, bhala regola, tigi minnufih obduta, salv id-dritt tal-persuna li taghti s-servizzi ta' xandir ta' smigh jew ta' televizjoni u li lilha jkun indirizzat dak l-ordni jew dik id-direttiva li tikkontesta il-legalita` ta' l-istess ordni jew direttiva u, jekk ikun il-kaz, tirreklama d-danni wara li tkun ottemperat ruhha ma l-istess ordni jew direttiva.

Dak li, ghalhekk, trid tara din il-Qorti fid-dawl tad-diversi aggravji sollevati mis-socjeta` appellanti, huwa jekk id-decizjoni ta' l-Awtorita` tax-Xandir hix invalida fid-dawl tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 469A tal-Kap. 12, u cioe` jekk l-ordni moghti minnha (1) jiksirx il-Kostituzzjoni, jew jekk hux (2) *ultra vires* peress li l-Awtorita`(*i*) ma kienitx awtorizzata twettaq dak l-ordni, jew (*ii*) naqset milli tosserva l-principji ta' gustizzja naturali jew xi htigiet procedurali mandatorji fit-twettiq ta' dak l-ordni jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel ma sar dak l-ordni, jew (*iii*) dak l-ordni kien jikkostitwixxi abbuz tas-setgha taghha ghax sar ghal ghanijiet mhux xierqa jew huwa msejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux relevanti, jew, fl-ahharnett, (*iv*) ghax dak l-ordni kien imur mod iehor kontra l-ligi. Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, mhux il-kompitu tal-Qrati li jissostitwixxu d-diskrezzjoni taghhom ghal dik ta' l-Awtorita` tax-Xandir <u>jekk kemm-il darba jirrizulta li ma hemm ebda invalidita` a bazi ta' dawn il-kriterji</u>. Fi kliem iehor, jista' jaghti l-kaz li d-decizjoni mehuda mill-Awtorita` tax-Xandir fil-kaz *de quo* ma kienitx l-aktar wahda felici li setghet tittiehed fic-cirkostanzi, u li Qorti, kieku kellha tiddeciedi hi dwar l-ilment (f'dan il-kaz tal-M.L.P.) kienet tiddeciedi b'mod differenti. Izda l-legislatur ried li tali decizjoni tittiehed minn awtorita` pubblika minnu mahluqa, b'kapacitajiet u b`taghrif

[3] Kien propju ghalhekk li l-ewwel Qorti, fis-sentenza appellata, gustament u korrettement, cahdet l-ewwel eccezzjoni ta' l-Awtorita` konvenuta. Kwantu jirrigwarda l-kawza odjerna, dak il-gudizzju dwar dik l-ewwel eccezzjoni sar gudikat stante li l-istess Awtorita` ma interponiet ebda appell minnu.

specjalizzat, u b'poteri vasti biex tkun tista` tohloq dak il-bilanc gust u delikat fil-kamp tax-xandir li huwa essenzjali ghall-funzjonament tad-demokrazija. L-Awtorita` tax-Xandir certament m'ghadhiex kompitu facli, u trid dejjem izzomm quddiem ghajnejha li hija ghandha rwol importanti f`dan il-kamp specjalizzat tax-xandir kwazi daqs dak tal-qrati fil-hajja demokratika tal-pajjiz.

Ser jigu issa ezaminati *seriatim* l-aggravji tas-socjeta` appellanti. L-ewwel aggravju hu, bazikament, li l-Awtorita` tax-Xandir "qatt ma tat opportunita` lis-socjeta` attrici biex issemma' lehenha dwar dak li kien ser jigi provdut bl-imsemmija decizjoni fuq l-ilment tal-Partit Laburista..." b'mod li l-Awtorita` "implicitament kienet qed timponi fuq TVM li jwarrab ir-reklami prenotati biex jixxandru fl-intervalli diga riservati minn TVM ghar-reklami u li jixxandru minflokhom l-*ispots* tal-Partit Laburista bi ksur tal-obbligi kuntrattwali diga' assunti minn P.B.S. Limited minn zmien qabel". Dak li ghalhekk qed tilmenta minnu s-socjeta` appellanti ma hux li hija ma nghatatx smiegh fir-rigward ta' l-ilment tal-M.L.P. (li certament kien ilment li kien jikkoncerna lilha) izda li hi ma gietx konsultata dwar id-decizjoni li finalment ittiehdet, u cioe` dwar il-modalita` ta' kif kellu jinghata r-rimedju. Huwa veru li ma jirrizultax mill-provi jekk qabel ma ttiehdet id-decizjoni tas-6 ta' Gunju, 2002 il-P.B.S. gietx infurmata bl-ilment tal-M.L.P. dwar l-i*spots* tal-M.I.C. li kienu qed jixxandru minnha[4]; pero` l-fatt jibqa' li l-Awtorita` ma kienitx obbligata li tikkonsulta mal-P.B.S. dwar id-decizjoni li kienet ser tiehu, fis-sens li toqghod tinnegozja maghha dwar il-modalitajiet ta' kif kellu jinghata r-rimedju. Fi kwalunkwe kaz, wara li s-socjeta` appellanti irceviet id-decizjoni tas-6 ta' Gunju, hija kellha l-opportunita` li tilmenta dwar dik id-decizjoni, u fil-fatt hekk ghamlet permezz ta' l-ittra tal-14 ta' Gunju, 2002. Fil-fehma tal-Qorti, pero`, f'din l-ittra l-P.B.S. ftit li xejn jidher li fissret x'kien l-ilment taghha; din l-ittra (ara Dok. KA 8, fol. 33 tal-process), taht il-firma ta' l-allura *Chairman* tal-P.B.S., hija pjuttost ilment ta' natura generali li b'ebda

[4] Kien proprju ghalhekk li l-ewwel Qorti, fis-sentenza taghha (pagna 34) gustament qalet hekk: "Ma ngiebet l-ebda prova ta' irritwalita`, fis-sens ta' nuqqas ta' harsien tal-principji ta' haqq naturali fil-process li wassal ghat-tehid tad-decizjoni".

mod ma jindirizza d-dettalji tad-decizjoni tas-6 ta' Gunju[5]. Ir-risposta ta' l-Awtorita` tax-Xandir kienet, wiehed jista' jghid, wahda naturali, galadarba l-P.B.S. ghazlet li ma tispecifikax xi problemi *di fondo* li setghet kienet qed tara fl-applikazzjoni tad-decizjoni tas-6 ta' Gunju – l-Awtorita` semplicement talbet lill-P.B.S. "biex tikkonforma mad-decizjoni taghha"[6]. Il-kwistjoni, ghalhekk, ta' x'kienet tkun il-konsegwenza li kieku rrizulta li qabel ma ttiehdet id-decizjoni tas-6 ta' Gunju, 2002 l-P.B.S. ma gietx infurmata bl-ilment tal-M.L.P. hija wahda purament akkademika ghall-finijiet ta' din il-kawza. Il-Qorti, pero`, hi tal-fehma li, bhala possibli gwida ghall-futur, ghandha taccena ghas-segwenti silta mehuda minn Garner's Administrative Law[7]:

"An issue upon which the courts have failed always to express a consistent view is whether a successful *audi alteram partem* challenge requires that the court be satisfied that, had the applicant been given the full procedural protection to which he was entitled, the decision taken by the public authority might have been different in substance. Or, alternatively, is there such a thing as a "technical" breach of natural justice, in respect of which the court will grant a remedy in order to uphold procedural rights even though quite satisfied that the decision would have been the same even had the applicant been afforded a fair hearing. The difference between the two possible approaches is a fairly fundamental one, reflecting different ideas as to the aims of judicial review. Is the purpose of judicial review simply to "police" decisions which may be wrong or bad in substance because of procedural irregularities; or is part of its purpose to prescribe standards of decision-making which it will enforce regardless of whether the end result,

---

[5] Kullma jinghad f'din l-ittra hu li "…il-Bord [tad-Diretturi tal-P.B.S.] ghandu certi riservi fuq kif qed tigi trattata l-kumpanija PBS Ltd. *vis-à-vis* din il-kwistjoni, u ghalhekk l-istazzjon qed jiehu parir legali fir-rigward sabiex jara jekk l-imsemmija decizjoni ghandhiex tigi kkontestata skond il-ligi. Il-Bord innota li l-Awtorita` ma semmietx jekk hi tkunx lesta li tindennizza u/jew tikkumpensa lil PBS ghad-danni kollha. Barra minn hekk, il-Bord innota wkoll li *prima facie* ma jirrizultax li l-Kostituzzjoni ta' Malta, li saret riferenza ghaliha fl-ittri fuq imsemmija [tas-6 ta' Gunju u tat-13 ta' Gunju], tiddistibgwi bejn stazzjon privat u dak pubbliku. Ghaldaqstant, il-Bord ma jixtieq jaghmel xejn li jkun ta' pregudizzju ghal PBS Ltd f'dan l-istadju".
[6] Ara ittra, Dok. KA 9, fol. 34.
[7] 8th Edition (Jones, B. and Thompson, K.), Butterworths (London), 1996.

when the decision is properly taken, is likely[8] to be different in substance.

In principle there may be some attraction in the idea that the courts should intervene to protect procedural rights without seeking to pre-judge whether the breach of natural justice was "technical" or "substantial". There are, indeed, statements in some of the cases which lend support to this idea.

However, the preponderance of authority seems now to point to the other way. This is perhaps inevitable. In particular, the discretionary nature of the various judicial review remedies, and the natural unwillingness of courts to seem to be acting in vain, combine to deprive of such a remedy the litigant who is perceived to have no chance of eventual substantive success. To an extent the issue becomes purely linguistic. Should one say that a technical breach of natural justice has occurred but that in the exercise of discretion no remedy will be granted? Or should one say that because no substantial prejudice appears to have occurred there has been no breach of natural justice?" **[9]**

Ghall-motivi premessi, dana l-ewwel aggravju qed jigi respint.

It-tieni aggravju tas-socjeta` appellanti hu, bazikament, li d-decizjoni ta' l-Awtorita` tax-Xandir tas-6 ta' Gunju, 2002 kienet "manifestament zbaljata, irragonevoli u ingusta". Is-socjeta` appellanti tadduci diversi argumenti in sostenn ta' din l-allegazzjoni, izda tnejn minnhom biss jimmeritaw li jigu kkunsidrati minn din il-Qorti. Dawn huma li din id-decizjoni tas-6 ta' Gunju kienet tmur kontra decizjoni precedenti ta' l-istess Awtorita` (izda differentement kostitwita) mehuda f'Jannar, 2002; kif ukoll li ma kien hemm ebda kwistjoni ta' parzjalita` jew imparzjalita` dwar kontroversja politika jew ta' *current public policy* li kellha tigi indirizzata mill-imsemmija Awtorita`. B'dan il-mod is-socjeta` appellanti qieghda implicitament tinvoka s-sub-

[8] Fil-fehma tal-Qorti, il-kelma hawnhekk ghandha tkun "unlikely" u mhux "likely".
[9] *Op. cit.* pp. 271-272.

paragrafi (i) u (iv) tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 469A imsemmi, u possibilment ukoll l-ahhar parti tas-sub-paragrafu (iii). Din il-Qorti, pero`, ma tistax taqbel mas-socjeta` appellanti. Ma hemm xejn fil-ligi – il-Kostituzzjoni, il-Kap. 350 jew xi ligi ohra – li jghid jew jimplika li l-Awtorita` tax-Xandir, jekk tkun hadet decizjoni ma tistax tirrevedi u timmodifika jew addirittura tbiddel ghal kollox dik id-decizjoni. Biex l-atturi jirnexxu fil-kawza taghhom kellhom ghall-anqas jippruvaw, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li meta ttiehdet it-tieni decizjoni (cioe` dik tas-6 ta' Gunju), l-Awtorita` jew agixxiet ghal ghanijiet mhux xierqa (*"improper motives"* jew *"improper considerations"*), jew li, biex waslet ghall-konkluzjoni taghha, hadet in konsiderazzjoni affarijiet li ma kienux rilevanti (*"irrelevant considerations"*). Jinghad bla tlaqliq li xejn minn dan ma gie ppruvat. Il-linja li jidher li hadet l-Awtorita` tax-Xandir jidher li kienet li, ghalkemm l-i*spots* tal-M.I.C. huma ta' natura informattiva, dawn huma bbazati fuq il-premessa li Malta tkun membru shih ta' l-Unjoni Ewropeja, li hija wkoll il-*current public policy* ta' l-Ezekuttiv tal-gurnata. Naturalment ma hemm xejn hazin li tinghata informazzjoni simili – anzi wiehed jista' anke jargumenta li hemm addirittura obbligu li tinghata tali informazzjoni. Pero` bl-i*spots* tal-M.I.C. <u>biss</u> l-Awtorita` tax-Xandir irravvizat nuqqas ta' imparzjalita` (fuq il-mezzi pubblici tax-xandir) dwar materja ta' kontroversja politika u ta' *current public policy*, u cioe` dwar l-alternattiva jew alternattivi ohra ghal tali shubija kif proposta jew proposti minn kamp politiku jew kampi politici li ma jaqblux ma' dik il-*current public policy*. Ghalhekk id-decizjoni ta' l-Awtorita` kienet wahda li l-istess Awtorita` setghet legittimament tiehu. Tibqa', pero`, il-mistoqsija: imma din kienet decizjoni "ragjonevoli", tenut kont specjalment tal-modalitajiet li biha kellha titwettaq? Ma hemmx dubbju, fil-fehma ta' din il-Qorti, li d-decizjoni ta' l-Awtorita` tax-Xandir holqot xi diffikulta`, anke diffikulta` ta' natura kummercjali, lill-P.B.S. ghal dak li huwa l-iskedar ta' l-i*spots* tal-M.L.P. Pero` ma jirrizultax li dawn id-diffikultajiet kienu ta' natura insormontabbli; anzi din il-Qorti pjuttost tifhem li, bi ftit ghaqal u immaginazzjoni u b'doza qawwija ta' sens ta' ko-operazzjoni ma' l-Awtorita` tax-Xandir – kif hu mistenni mill-mezzi tax-xandir <u>kollha</u> izda aktar u aktar

mill-mezzi pubblici tax-xandir – dawn id-diffikultajiet setghu jinghelbu. Wara kollox, il-htiega ta’ imparzjalita` f’materja ta’ kontroversja politika (jew industrijali) u ta’ *current public policy* m’ghandhiex tigi sagrifikata ghall-htigijiet kummercjali tas-socjeta` li tkun qed ixxandar, u dan jghodd aktar u aktar fil-kaz tas-servizzi pubblici tax-xandir (proviso tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 13, Kap. 350). Ma jistax, ghalhekk, jinghad li d-decizjoni ta’ l-Awtorita` kienet b’xi mod “irragonevoli” u li b’hekk tmur kontra l-ligi (Art. 469A(1)(b)(iv), Kap. 12). Fi kliem H. W. R. Wade:

“The doctrine that powers must be exercised reasonably has to be reconciled with the no less important doctrine that the court must not usurp the discretion of the public authority which Parliament appointed to take the decision. Within the bounds of legal reasonableness is the area in which the deciding authority has genuinely free discretion. If it passes those bounds, it acts ultra vires. The court must therefore resist the temptation to draw the bounds too tightly, merely according to its own opinion. It must strive to apply an objective standard which leaves to the deciding authority the full range of choices which the legislature is presumed to have intended. Decisions which are extravagant or capricious cannot be legitimate. But if the decision is within the confines of reasonableness, it is no part of the court’s function to look further into its merits. ‘With the question whether a particular policy is wise or foolish the court is not concerned; it can only interfere if to pursue it is beyond the powers of the authority.’[10] As Lord Halisham L.C. has said, two reasonable persons can perfectly reasonably come to opposite conclusions on the same set of facts without forfeiting their title to be regarded as reasonable.[11] This is not therefore the standard of ‘the man on the Clapham omnibus’. It is the standard indicated by a true construction of the Act which distinguishes between what the statutory authority may or may not be authorised to do. It distinguishes between proper use and improper abuse of power. It is often

[10] ***Short v. Poole Corporation*** [1926] Ch. 66 at 91 (Warrington L.J.).
[11] ***Re W (An Infant)*** [1971] A.C. 682 at 700.

expressed by saying that the decision is unlawful if it is one to which no reasonable authority could have come." [12]

Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti ma tara xejn zbaljat, irragjonevoli jew ingust fid-decizjoni ta' l-Awtorita` tax-Xandir tas-6 ta' Gunju, 2002.

It-tielet aggravju tas-socjeta` appellanti huwa, fil-verita`, estensjoni taz-zewg aggravji precedenti, fis sens li l-imsemmija socjeta` tilmenta li "is-sentenza appellata ma tirrispekkjax id-diversi veritajiet li hargu mill-Affidavit tac-Chairman ta' PBS Ltd u tac-Chief Executive ta' PBS Ltd (li huma sostanzjalment l-istess)". Din il-Qorti semplicement ma taqbilx, u bla tlaqliq tiddikjara li l-ewwel qorti, fis-sentenza erudita taghha, tat piz ghal dak kollu li hareg mill-provi u li seta' kien relevanti.

L-ahhar aggravju tas-socjeta` appellanti huwa li hija kienet agixxiet in buona fede. Dana l-aggravju, pero`, huwa rrelevanti fil-kuntest tal-ezercizzju li jrid isir – u li sar kemm minn din il-Qorti kif ukoll mill-Prim Awla fl-ewwel istanza – fil-parametri ta' l-Artikolu 469A biex wiehed jara jekk id-decizjoni ta' l-Awtorita` tax-Xandir ghandhiex titwarrab bhala invalida jew nulla. Ikun ghalhekk inutili u hela ta' zmien li wiehed joqghod jghid kif u ghaliex il-P.B.S. Ltd agixxiet in buona fede, ghax f'din il-kawza dak li hu *in issue* ma hux l-agir tal-P.B.S. Ltd izda dak ta' l-Awtorita` tax-Xandir.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta' dana l-appell ghandhom jigu sopportati kollha mis-socjeta` appellanti.

Dep/Reg

gs

---

[12] H. W. R. Wade ***Administrative Law*** OUP (1977), pp. 347-348.

## FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM, 5 ta' Settembru, 2002

**Kawza Numru 2**
**Citazz. Nru. 711/02JRM**

***Chairman* tal-Kumpannija PUBLIC BROADCASTING SERVICES LIMITED u *Chief Executive* tal-istess kumpannija Public v Broadcasting Services Limited flimkien in rapprezentanza ta' l-istess socjeta'**

**vs**

**AWTORITA' TAX-XANDIR u b'Degriet tat-12 ta' Lulju, 2002, dahlu fil-kawza *in statu et terminis* Dr. Alfred Sant bhala Kap tal-Oppozizzjoni u mexxej tal-Malta Labour Party u Emanuel Cuschieri u Jimmy Magro ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess partit**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att tac-Citazzjoni mressaq fil-21 ta' Gunju, 2002, li bih l-atturi *nomine* ippremettew :

Illi s-socjeta’ attrici hija responsabbli ghax-xandir fuq l-istazzjon tat-televizjoni TVM;

Illi fis-6 ta’ Gunju 2002, fuq ilment tal-Partit Laburista dwar l-ispots tal-MIC (Malta Information Centre), l-Awtorita’ tax-Xandir tat din id-decizjoni;

*“.... L-Awtorita’ tqis:*

*(1) din id-decizjoni in kwantu tolqot l-ispots konformi ma’ ohra deciza minnha (allura diversament komposta) fuq ilment simili mehuda fl-4 ta’Jannar 2001 ....*

*(2) illi din id-decizjoni m’hijiex mahsuba biex tghaddi gudizzju dwar l-operat tal-M.I.C. jew il-korrettezza tal-konvenut ta’ l-ispots.*

*Biex taghti effett ghal din id-decizjoni l-Awtorita’ tinfurmak illi:*

*(a) ir-rimedju ghall-ilment ghandu jinghata b’effett mill-10 ta’ Gunju, 2002;*

*(b) il-hin li ghandu jigi allokat skond id-deciizjoni tad-29 ta’ Mejju 2002 ghall-ghoti ta’ informazzjoni mill-M.L.P. fuq ix-xandir pubbliku jkun komputat mill-Awtorita’ kull gimgha b’effett mis-17 ta’ Gunju 2002. Il-Partit Laburista jkun liberu li juza dak il-hin li jirrizulta hekk komputat kif jidhrilu soggett li:*

*i) jigi uzat biss ghal produzzjoni u xandir ta’ information spots fattwali rilevanti ghall-alternattiva ghas-shubija fl-Unjoni Ewropea bla ma jinghataw opinjonijiet;*

*ii) dawn l-ispots bhal tal-M.I.C. jigu sottomessi ghall-approvazzjoni ta’ l-Awtorita’ skond it-termini tad-decizjoni fuq espressa;*

*iii) ikunu ta’ durata ta’ bejn 5 u 60 sekonda u ghandhom jigu rounded off ghall-fini ta’ kalkolu f’multiples ta’ hames sekondi;*

*iv) dawn l-ispots prodotti mill-M.L.P. ikunu mxandra fuq l-istazzjonijiet tax-xandir pubbliku f'hinijiet maghzula mill-M.L.P. izda f'intervalli diga' riservati mill-PBS Ltd. ghar-reklami;*

*v) ix-xandir pubbliku jipprovdi facilitajiet u l-hin skond kif hawn fuq ghax-xandir ta' dawn l-ispots prodotti mill-M.L.P. b'dan li jkun hemm intervall ta' hin ta' mhux anqas minn siegha bejn ix-xandir ta' spots ta' fehmiet differenti;*

*vi) dawn l-ispots ghandhom ikunu identifikati sewwa fuq l-iscreen tat-televizjoni bil-logo tal-Partit Laburista;*

*vii) dawn l-ispots iridu jixxandru minn PBS Ltd. b'ordni ta' l-Awtorita' tax-Xandir;*

*viii) dawn l-ispots ghandhom jaslu ghand l-Awtorita' jumejn tax-xoghol qabel id-data tat-trasmissjoni fuq beta tape u VHS tape;*

*ix) L-Awtorita' tirriserva d-dritt li tirregola x-xandir ta' l-ispots kollha jekk u meta hekk jidhrilha li c-cirkostanzi jirrikjedu. F'kull kaz l-ispots kollha, joriginaw minn fejn joriginaw, jieqfu immedjatament li jithabbar il-bidu ta' kampanja referendarja jew elettorali jew minn meta jibdew isehhu arrangamenti ohra."*

Illi fit-13 ta' Gunju 2002 l-Awtorita' tax-Xandir infurmat lill-Kap Ezekuttiv tal-kumpanija attrici Public Broadcasting Services Limited illi:

*".... L-Awtorita' ddecidiet li b'riferenza ghall-kundizzjoni (b) (v) tad-decizjoni ta' l-Awtorita' tas-6 ta' Gunju 2002, il-kelma "siegha" tigi taqra "kwarta"."*

Illi l-imsemmija decizjoni ta' l-Awtorita' tivvjola serjament id-drittjiet tal-kumpanija attrici Public Broadcasting Services Limited in kwantu din qed tigi ingustament imgeghelha taghti lil partit politiku hin *"diga' riservat mill-PBS Ltd ghar-reklami"*, bil-konsegwenza li s-socjeta' attrici

titlef fondi u introjtu mill-hin limitat ghad-disposizzjoni taghha ghar-reklami;

Illi d-decizjoni ta' l-Awtorita' tax-Xandir tirrendi din is-sitwazzjoni ferm aktar gravi billi timponi dan kollu fuq is-socjeta' Public Broadcasting Services Limited minghajr hlas ta' ebda kumpens jew risarciment tat-telf u danni kummercjali sofferti, u ghalhekk hija manifestament zbaljata;

Illi ghall-kuntrarju, il-Malta-EU Information Centre (MIC) ihallas ghall-ispots tieghu mxandra fuq l-istazzjon TVM;

Illi l-Partit Nazzjonalista diga' ta hjiel li ser jaghmel applikazzjoni simili ghal dik tal-Partit Laburista u jekk dan jinghata l-istess facilita' li jaghmel spots b'xejn fuq l-istazzjon TVM "f'intervalli diga' riservati mill-PBS Ltd. ghar-reklami", allura d-danni kummercjali jirduppjaw. Jekk imbaghad issir talba ohra simili mill-Alternattiva Demokratika u tinghatalha l-istess facilita' li taghmel spots b'xejn fuq l-istazzjon TVM "f'intervalli diga' riservati mill-PBS Ltd. ghar-reklami", allura s-socjeta' attrici zgur tikkollassa;

Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess,il-Kostituzzjoni ta' Malta ma tiddistingwix bejn stazzjon privat u stazzjon pubbliku, ossia bejn xandir privat u xandir pubbliku;

Illi b'ittra datata 14 ta' Gunju 2002 ic-Chairman tas-socjeta' attrici Public Broadcasting Services Limited baghat jinforma lill-Awtorita' tax-Xandir illi qed jiehu parir legali fir-rigward sabiex jara jekk l-imsemmija decizjoni ghandhiex tigi kkontestata skond il-ligi;

Illi b'ittra datata 20 ta' Gunju 2002 il-Kap Ezekuttiv ta' l-Awtorita' tax-Xandir informa lic-Chairman tas-socjeta' attrici illi:

*"L-Awtorita' rceviet l-ittra tieghek tal-14 ta' Gunju 2002 u hadet nota taghha. Hija ddiskutietha waqt il-laqgha taghha*

*tal-bierah u talbitek biex tikkonforma mad-decizjoni taghha."*

Illi b'ittra ohra mibghuta fl-20 ta' Gunju 2002 il-konsulent legali ta' Public Broadcasting Services Limited informa lill-Kap Ezekuttiv ta' l-Awtorita' tax-Xandir:

*"Nixtieq ninfurmak illi l-Public Broadcasting Services Limited sejra tikkontesta d-decizjoni ta' l-Awtorita' tax-Xandir bil-mezzi kontemplati fil-Ligi. Ghaldaqstant, hija thoss li ma ghandha taghmel xejn li jkun ta' pregudizzju ghaliha f'dan l-istadju."*

Illi b'ittra ohra mibghuta fl-20 ta' Gunju 2002 il-Kap Ezekuttiv ta' l-Awtorita' tax-Xandir informa lill-konsulent legali tas-socjeta' attrici illi:

*"Il-kontenut ta' din l-ittra bl-ebda mod ma jiggustifika lil PBS Ltd. li ma jobdix direttiva ta' l-Awtorita' moghtija skond il-ligi."*

Illi l-ghemil ta' l-Awtorita' tax-Xandir huwa 'ultra vires' peress li l-imsemmija decizjoni tippregudika serjament id-drittijiet u l-interessi tas-socjeta' attrici u inoltre hija wahda irragonevoli, ingusta, oppressiva u illegali. Ghalhekk, Pubic Broadcasting Services Limited ghandha dritt titlob stharrig gudizzjarju skond il-ligi;

Illi l-ghemil ta' l-Awtorita' konvenuta huwa 'ultre vires' skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12;

Illi l-ghemil ta' l-Awtorita' konvenuta jikser ukoll il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Kapitolu 350;

Ghalhekk tghid l-Awtorita' konvenuta ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-ghemil ta' l-Awtorita' tax-Xandir huwa 'ultra vires' peress li l-imsemmija decizjoni tippregudika serjament id-drittijiet u l-interessi

tas-socjeta' attrici u hija wahda irragonevoli, ingusta, oppressiva u illegali, ossia jmur kontra l-ligi;

2. Tiddikjara illi l-ghemil ta' l-Awtorita' konvenuta huwa 'ultra vires' skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12;

3. Tiddikjara illi l-ghemil ta' l-Awtorita' konvenuta jikser ukoll il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Kapitolu 350;

4. Tiddikjara l-imsemmija decizjoni moghtija mill-Awtorita' tax-Xandir, kif emendata, nulla, invalida u minghajr effett;

5. Tiddikjara inoltre illi l-Kostituzzjoni ta' Malta ma tiddistingwix bejn stazzjon privat u stazzjon pubbliku, ossia bejn xandir privat u xandir pubbliku, u dan kuntrarjament ghal dak li jintqal fid-decizjoni attakkata;

6. Tiddikjara wkoll nulla, invalida u minghajr effett id-decizjoni tad-29 ta' Mejju 2002 in kwantu din tissemma' fil-paragrafu (b) tad-decizjoni attakkata (pagna 5);

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri privati tal-14 ta' Gunju 2002 u tal-20 ta' Gunju 2002, kontra l- Awtorita' konvenuta, li hija ngunta ghas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-atturi *nomine*;

Rat id-Degriet taghha tat-2 ta' Lulju, 2002, li bih u fuq talba b'rikors imressaq mill-Awtorita' mharrka fit-28 ta' Gunju, 2002, ordnat li s-smigh tal-kawza jsir b'urgenza;

Rat id-Degriet l-iehor taghha tat-2 ta' Lulju, 2002, li bih ordnat ukoll it-tqassir taz-zmien li fih kellha titressaq in-Nota tal-Eccezzjonijiet min-naha tal-Awtorita' mharrka;

Rat in-Nota mressqa fid-9 ta' Lulju, 2002, li biha l-Awtorita' tax-Xandir eccepiet:

1. Illi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex il-gurisdizzjoni necessarja sabiex tissindika d-decizjoni ta' l-Awtorita' tax-Xandir mehuda skond il-poteri konferiti lilha bis-sahha ta' l-artikolu 119 tal-Kostituzzjoni ta' Malta - ara, f'dan is-sens, l-artikolu 118 (8) tal-Kostituzzjoni li jipprovdi b'mod car illi fl-ezercizzju tal-funzjonijiet kostituzzjonali taghha l-Awtorita' tax-Xandir mhix soggetta ghad-direzzjoni jew il-kontroll ta' xi persuna jew awtorita' ohra;

2. Subordinatament u fil-mertu meta l-Awtorita' tax-Xandir taghti rimedju biex jigi radrizzat zbilanc dan taghmlu fid-diskrezzjoni taghha u tali diskrezzjoni giet ezercitata skond il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Att dwar ix-Xandir, Kapitlu 350 tal-Ligijiet ta' Malta, u skond prassi ormai kristallizzata li rimedju moghti mill-Awtorita' tax-Xandir irid jingarr b'xejn mill-istazzjon koncernat bl-istess mod li meta qorti tordcna li tinghata dritt ta' risposta l-editur koncernat ma jistax jippretendi l-ebda forma ta' hlas meta jippubblika r-risposta ordnata mill-Qorti;

Illi ghalhekk id-decIzjoni ta' l-Awtorita' hija wahda proporzjonata u fil-parametri tal-Kostituzzjoni u tal- ligi;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-Awtorita' tax-Xandir ;

Rat id-Degriet taghha tat-12 ta' Lulju, 2002, li bih u fuq talba maghmula waqt l-ewwel smigh, laqghet it-talba ta' Dottor Alfred Sant, bhala Kap tal-Oppozizzjoni u mexxej tal-Malta Labour Party, u ta' Emanuel Cuschieri u Jimmy Magro, f'isem l-istess partit, halliet jidhlu fil-kawza *in statu et terminis* lill-istess persuni f'isem il-Malta Labour Party;

Rat in-Nota mressqa mill-Awtorita' tax-Xandir fid-19 ta' Lulju, 2002[13], bix-xhieda bl-Affidavit tal-Ezekuttiv Ewlieni taghha l-Avukat Dottor Kevin Aquilina, u b'ghadd ta' dokumenti mehmuzin maghha;

[13] Pagg. 20 sa 51 tal-process

Semghet ix-xiehda tal-partijiet, maghdud ukoll il-kontro-ezami taghhom;

Rat il-verbal tas-smigh tal-25 ta' Lulju, 2002, partikolarment dik il-parti fejn il-partijiet ghamlu kostatazzjonijiet li jirregolaw il-htiega ta' tressiq ta' provi dwar il-fatti hemm imsemmija;

Semghet it-trattazzjoni ezawrjenti tal-abbli avukati tal-partijiet, kemm dwar l-eccezzjoni preliminari u kif ukoll dwar il-mertu;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-ghadd ta' dokumenti mressqin waqt il-kontro-ezamijiet relattivi;

Rat id-Degriet taghha tal-25 ta' Lulju, 2002, li bih halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hi azzjoni ta' stharrig gudizzjarju. Biha, il-kumpannija attrici qeghda titlob lill-Qorti tiddikjara u tqis bhala li ma jiswewx xi decizjonijiet mehuda fil-konfront taghha mill-Awtorita' tax-Xandir. F'dawn id-decizjonijiet, l-Awtorita' mharrka tat ordnijiet lill-kumpannija attrici dwar xandir ta' *spots* dwar shubija fl-Unjoni Ewropeja, u l-kumpannija attrici ma wettqithomx ghaliex qeghda tghid li l-Awtorita' ma kellhiex is-setgha tehodhom u dan ghaliex l-ghemil tal-Awtorita' fit-tehid tal-imsemmija ordnijiet kien wiehed irragonevoli, ingust, oppressiv u illegali u, minbarra f'hekk, dawk l-ordnijiet jiksru l-jeddijiet u l-interessi tal-Public Broadcasting Services Limited li minhabba fihom qeghda, u tista' 'l quddiem tibqa', iggarrab hsara;

Illi, min-naha taghha, l-Awtorita' tax-Xandir laqghet billi, fl-ewwel lok qeghda tghid li din il-Qorti ma tistax tqis it-talbiet attrici, ghaliex Qorti m'ghandhiex il-gurisdizzjoni tistharreg decizjonijiet mehuda mill-Awtorita' tax-Xandir fil-

qadi tal-funzjonijiet taghha taht il-Kostituzzjoni[14]; u, fit-tieni lok, billi qeghda tghid li meta hija tordna li jittiehed rimedju biex jigi raddrizzat zbilanc, dan taghmlu fid-diskrezzjoni taghha, u dan wettqitu skond il-Kostituzzjoni ta' Malta u skond l-Att dwar ix-Xandir[15], imsejsa fuq prassi stabilita, u proporzjonata;

Illi, qabel ma wiehed jghaddi biex jifli l-aspetti legali li jsawru din il-kwestjoni, ikun xieraq li jissemmew **il-fatti ewlenin li jirrizultaw mill-atti tal-kawza**. Is-sekwenza kronologika dettaljata tal-fatti tissemma fin-nota mahlufa ta' Dottor Kevin Aquilina[16], u fl-Affidavit ta' Jimmy Magro tal-10 ta' Lulju, 2002[17] (li effettivament jirrigwarda l-kronologija tal-ilmenti kollha mressqa mill-Malta Labour Party ghal kull sensiela ta' programmi mxandra mill-MTV dwar l-Unjoni Ewropeja, u mhux biss ghar-rigward tal-i*spots* tal-M.I.C. li jaghmlu l-mertu ta' din il-kawza), u tal-istess Dottor Aquilina tad-19 ta' Lulju, 2002[18], li jaghmlu parti mill-atti tal-Kawza numru 738/02JRM, u li, skond il-qbil verbalizzat mill-partijiet kollha, l-provi migbura f'dik il-kawza jkunu jghoddu ghal din u vice versa[19];

Illi jidher li l-ewwel ilment imressaq lill-Awtorita' tax-Xandir dwar l-i*spots* tal-M.I.C. sar mill-Malta Labour Party, intervenut f'din il-kawza, fl-14 ta' Dicembru, 2000[20], u l-Awtorita' tax-Xandir wiegbet ghalih fl-4 ta' Jannar, 2001[21]. Fit-8 ta' Jannar ta' din is-sena, rega' sar protest iehor mill-M.L.P lill-Awtorita'[22] dwar l-istess *spots.* Fuq parir legali moghti lilha[23] u wara deliberazzjoni li saret fi hdanha fit-30 ta' Jannar, 2002[24], l-Awtorita' ipproponiet sensiela ta' programmi[25] li kellhom jibdew jixxandru mill-21 ta' Marzu u jibqghu sejrin sa April tal-2003, izda li madankollu, l-

---

[14] Art 118(8) tal-Kostituzzjoni
[15] Kapitolu 350 tal-Ligijiet ta' Malta
[16] Pagg. 21 sa 23 tal-process
[17] Pagg. 21 sa 26 tal-atti tal-Kawza Nru. 738/02JRM
[18] Pagg. 64 sa 68 tal-atti tal-Kawza Nru. 738/02JRM
[19] Verbal tal-25.7.2002, f'pag. 53 tal-process
[20] Dok "KA10", f'pagg. 85-7 tal-atti tal-Kawza Nru. 738/02JRM
[21] Dok "KA11" f'pagg. 90 u 98 tal-atti tal-Kawza Nru. 738/02JRM (li huma kopja tal-istess dokument originali)
[22] Dok "KA18", f'pagg. 99-100 tal-atti tal-Kawza Nru. 738/02JRM
[23] Dok "KA21", f'pagg. 104-5 tal-atti tal-Kawza Nru. 738/02JRM
[24] Dok "KA22", f'pagg. 106-7 tal-atti tal-Kawza Nru. 738/02JRM
[25] Dok "KA23", f'pagg. 108-113 tal-atti tal-kawza Nru. 738/02JRM

M.L.P. ma laqax li jiehu sehem fihom ghar-ragunijiet li jsemmi f'ittra tieghu lill-Awtorita' fit-12 ta' Marzu, 2002[26]. Sadattant, ghalaq iz-zmien tal-hatra tal-Awtorita' tax-Xandir u giet mahtura l-Awtorita' tax-Xandir kif illum komposta;

Illi, minnufih, regghu saru rapprezentazzjonijiet mill-M.L.P. dwar l-i*spots* tal-M.I.C., u nzammet laqgha fl-24 t'April, 2002, li matulha l-Malta Labour Party ressaq "*position paper*"[27] dwar il-kontroversja. Fid-29 ta' Mejju, 2002, l-Awtorita' ressqet nota f'ghamla ta' "abbozz ghal diskussjoni" mahruga mic-*Chairman* taghha, dwar il-kwestjoni[28]. Fis-6 ta' Gunju, 2002, l-Awtorita' iddecidiet li taghti lill-Malta Labour Party terz tal-hin mehud mill-imsemmija *spots* tal-M.I.C. biex ixandar *spots* imtellghin minnu taht l-awtorita' taghha biex iwassal il-fehmiet tieghu dwar shubija fl-Unjoni Ewropeja f'hinijiet li jixxiebhu ma' dawk li fihom jixxandru l-i*spots* tal-M.I.C., u li tali *spots* jixxandru fuq il-mezzi ta' xandir pubbliku, f'hinijiet rizervati mill-kumpannija attrici ghar-reklami, bla hlas, u b'effett mill-10 ta' Gunju, 2002[29];

Illi gie stabilit li l-i*spots* imtellghin mill-M.I.C. kienu qeghdin isiru bi hlas lill-kumpannija attrici;

Illi l-Awtorita' gharrfet lill-partijiet interessati, fosthom lill-kumpannija attrici, bid-decizjoni taghha dak inhar stess. Izda, fit-13 ta' Gunju, 2002[30] l-Awtorita' mharrka baghtet ittra lill-kumpannija attrici biex tgharrafha li l-hin li kellu jghaddi bejn xandira ta' *spot* tal-M.I.C. u ohra tal-M.L.P. ma kellux jisboq hmistax-il minuta. Il-kumpannija attrici, min-naha taghha, gharrfet lill-Awtorita' fl-14 ta' Gunju, 2002[31], li kienet sejra tiehu parir legali dwar id-decizjoni u li sadattant ma kienet sejra taghmel xejn li seta' jippregudika l-pozizzjoni taghha, u b'ittra tal-20 ta' Gunju,

[26] Dok "KA24" f'pagg. 113-4 tal-atti tal-Kawza Nru. 738/02JRM
[27] Dokti "AX1", f'pagg. 30-32 u "KA26" f'pagg.116-8 tal-atti tal-Kawza Nru. 738/02JRM
[28] Dok "AX1", f'pagg. 34 sa 43 tal-atti tal-Kawca Nru. 738/02JRM
[29] Dok "AX1", f'pagg. 45 sa 50 tal-atti tal-Kawza Nru. 738/02JRM
[30] Dokument mhux esebit, imma li jissemma fil-premessi tac-Citazzjoni u fit-tielet paragrafu tad-Dikjarazzjoni attrici
[31] Dokti "KA8" u "PBS1", f'pagg. 33 u 118 tal-process

2002[32], li ma kinitx bi hsiebha twettaq dak li l-Awtorita' ordnatilha li taghmel, u dan ghar-raguni hemm imsemmija;

Illi l-partit intervenut f'din il-kawza, wara li nghatat id-decizjoni tal-Awtorita' mharrka tas-6 ta' Gunju, 2002, ghalkemm qies l-istess decizjoni bhala "*ultra vires*, nulla u bla effett"[33], laqa' l-hin allokat taht protesta u hejja l-ewwel *spot* tieghu li kellu jixxandar fis-17 ta' Gunju, izda l-Awtorita' ghal darbtejn talbet li jsir bdil ghaliex dehrilha li l-i*spot* kien wiehed ta' opinjoni politika u mhux ta' taghrif[34]. L-istess gara f'zewg *spots* ohrajn li thejjew. L-Awtorita' mharrka baghtet tgharraf lill-kumpannija attrici b'avviz tal-20 ta' Gunju, 2002[35], dwar il-jiem u l-hinijiet li fihom kellhom jixxandru z-zewg ghamliet ta' *spots* imhejjijin mill-Partit Laburista. Sadanittant, izda, sa ma lahqu xxandru l-imsemmija *spots*, il-kumpannija attrici kienet uriet li hija kienet qeghda tikkontesta d-decizjoni tal-Awtorita' u, fil-21 ta' Gunju, 2002, infethet din il-kawza;

Illi fl-affidavit tieghu, Anthony Tabone, *Chairman* tal-kumpannija attrici, jghid[36] li d-decizjoni mehuda mill-Awtorita' mharrka fis-6 ta' Gunju, 2002, kienet tmur kontra dak li qalet fid-decizjoni taghha tat-30 ta' Jannar, 2002, u din kienet wahda mir-ragunijiet ewlenin li minhabba fihom qeghda tikkontesta d-decizjoni tas-6 ta' Gunju, f'din il-kawza. Huwa jghid ukoll li huwa fatt li d-decizjoni mehuda mill-Awtorita' fis-6 ta' Gunju, 2002, tolqot biss lill-kumpannija attrici, u mhux ukoll lil stazzjon iehor televiziv privat (NET Tv), li wkoll kien qieghed ixandar l-i*spots* tal-M.I.C. bi hlas u li ma giex ordnat ixandar *spots* tal-M.L.P. Jied jghid li, minbarra dan, billi d-decizjoni tal-Awtorita' thalli l-ghazla tal-hin f'idejn il-M.L.P. u f'hin rizervat ghar-reklami, l-effetti ta' dik id-decizjoni kienu jfissru t-tharbit ta' skema u rabtiet li l-kumpannija attrici kienet ilha li iffissat ma' terzi minn zmien qabel;

---

[32] Dok "KA10", f'pag. 35 tal-process
[33] Dok "KA2", f'pagg. 25-6 tal-process
[34] Dokti "KA27" u "KA28" f'pagg. 120 u 121 tal-atti tal-Kawza Nru. 738/02JRM
[35] Dok "AJT2", f'pagg. 114-5 tal-process
[36] Dok "AJT" f'pag. 56 tal-process

Illi billi l-kawza prezenti tirrigwarda biss il-kwestjoni tal-i*spots* tal-M.I.C., u b'mod partikolari d-decizjonijiet mehuda mill-Awtorita' mharrka dwarhom, kull prova ohra dwar xandiriet ohrajn li m'humiex milqutin b'dawk id-decizjonijiet m'hijiex sejra titqies f'din is-sentenza. Bl-istess mod, il-Qorti qeghda tqis biss dawk il-fatti li sehhew sa dak inhar li nfethet din il-kawza[37];

Illi meta saru l-kontro-ezamijiet u nstemghet ix-xhieda waqt is-smigh, irrizultaw hwejjeg ohrajn li jistghu jitqiesu siewja hafna fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet legali li jehtieg li jsiru f'din is-sentenza. Fl-ewwel lok, mix-xhieda moghtija mill-Ezekuttiv Ewlieni tal-Awtorita' mharrka, Dottor Aquilina, gie stabilit li l-istess Awtorita' kienet fehmet li l-i*spots* tal-M.L.P. ma kellhomx jitqiesu bhala reklami[38], u li l-hin mehud minnhom ma kellux jitqies ghall-finijiet ta' dak li tistabilixxi l-ligi dwar il-hin massimu li seta' jittiehed ghar-riklami minn detentur ta' licenzja ghat-trasmissjoni ta' programm ghal kull siegha ta' xandir[39]. Hu tenna li d-decizjoni mehuda mill-Awtorita' fis-6 ta' Gunju, 2002, ma kinitx tqis l-i*spots* tal-M.L.P. bhala reklami, u li "mhux ser ikunu fi programm"[40]. Fit-tieni lok, fisser li "ma hemmx ghalfejn isir il-hlas ghaliex dan[41] huwa rimedju moghti mill-Awtorita'"[42]. Fit-tielet lok, ix-xhud qal li l-i*spots* tal-M.I.C. bdew jintwerew fuq it-televizjoni mill-2000, ghalkemm qabel kienu jixxandru bir-radju[43];

Illi, min-naha l-ohra, meta xehed ic-*Chairman* tal-kumpannija attrici, Anthony J. Tabone, huwa sehaq li l-Bord tal-PBS kien infixel bid-decizjoni tal-Awtorita' tas-6 ta' Gunju, 2002, li kienet tmur kontra dik moghtija minnha f'Jannar ta' qabel,[44] fis-sens li kienet giet michuda t-talba tal-Malta Labour Party biex jinghata spazju b'xejn fuq ix-xandir pubbliku biex jirreplika ghall-i*spots* tal-M.I.C.[45] Fit-

[37] Ara App. Civ. **20.5.1982** fil-kawza fl-ismijiet ***Fenech Adami et vs Cremona noe et*** (Mhix pubblikata)
[38] Ara pag 34 tal-atti tal-Kawza 738/02JRM
[39] Regolament 24 tat-Tielet Skeda tal-Kap 350
[40] Xhieda ta' Dottor Aquilina tat-12.7.2002, f'pagg. 69, 70 u 72 tal-process
[41] Jigifieri l-i*spots* tal-M.L.P.
[42] *Ibid.* f'pag 72 tal-process
[43] *Ibid.* f'pag. 73 tal-process
[44] Dok "AJT5", f'pagg. 83-5 tal-process (partikolarment minuta numru 2.24)
[45] Xhieda ta' Anthony J. Tabone 12.7.2002, f'pag. 87 tal-process

tieni lok, huwa insista wkoll li l-oggezzjoni tal-kumpannija rapprezentata minnu ghad-decizjoni tal-Awtorita' tas-6 ta' Gunju, ma kinitx ghaliex il-M.L.P. kien sejjer jithalla jxandar b'xejn, fil-hin tar-reklami, imma ghaliex klijenti potenzjali ohra li normalment jipprenotaw hinijiet ghar-reklami kienu se' jzommu lura milli jixtru hin biex jirreklamaw fuq TVM[46] . Fit-tielet lok, huwa qal li kienet qeghda ssir diskriminazzjoni mal-istazzjon nazzjonali ghaliex, ghalkemm l-i*spots* tal-M.I.C. kienu qeghdin jixxandru wkoll fuq stazzjon televiziv privat, l-Awtorita' kienet tat id-decizjoni taghha biss fil-konfront tal-PBS, meta l-Kostituzzjoni ta' Malta ma taghmel l-ebda distinzjoni bejn xandir pubbliku u xandir privat[47]. Fir-raba' lok, li l-Bord tal-P.B.S. fehem u dejjem qies li l-i*spots* tal-M.I.C. kienu informattivi u ma kinux jirrikjedu rimedju, u dan minbarra li kienu kisbu gharfien u gieh mill-Awtorita' nnifisha[48]. Fil-hames lok, fisser li l-i*spots* tal-M.I.C. bdew jixxandru minn fuq TVM minn Jannar tal-2000[49] u b'kollox, matul il-medda taz-zmien sa Gunju ta' din is-sena, kienu xxandru elf u erba' (1004) minuti minn dawn l-i*spots* li, minbarra l-godda, f'uhud mill-kazijiet kienu jikkonsistu f'ripetizzjoni ta' xi *spot* li jkun deher qabel, jew tahlita flimkien ta' izjed minn wiehed;

Illi fid-dawl ta' dawn il-fatti u qabel ma tghaddi biex tqis l-aspetti legali mdahhlin f'dan il-kaz, il-Qorti thossha fid-dmir li taghmel xi **osservazzjonijiet dwar din il-kwestjoni** u dan biex tippuntwalizza l-qafas tal-vertenza. Fl-ewwel lok irid jinghad li, minbarra n-natura kontroversjali li dejjem ikkaratterizzat kwestjonijiet marbutin ma' xandir f'Malta, din hija l-ewwel kawza li tirrigwarda xandir bil-mezz televiziv fejn il-litiganti ewlenin huma l-Awtorita' tax-Xandir u xandar licenzjat minnha (l-kumpannija attrici), meta fl-imghoddi dawn it-tnejn kienu generalment abbinati flimkien f'ilment imressaq minn terzi. Dan l-aspett igib mieghu wkoll it-tieni osservazzjoni, jigifieri d-definizzjoni tar-relazzjonijiet legali bejn il-kumpannija attrici u l-Awtorita' mharrka. Fit-tielet lok, minn

[46] *Ibid.* f'pagg. 88, 90 u 112 tal-process
[47] *Ibid.* f'pagg. 91, 93 u 95 tal-process
[48] *Ibid.* f'pag. 87 tal-process
[49] *Ibid.* f'pag. 89 tal-process u Dok "AJT1", f'pagg. 75-8

mindu dahlet fis-sehh il-ligi attwali dwar ix-Xandir fl-1991, u li statutorjament biddlet il-qaghda guridika tax-xandir f'pajjizna, iz-zmien li ghalih jirreferu l-i*spots* in kwestjoni huwa wiehed fejn, ghall-kuntrarju ta' dak li kien jipprevali qabel fi kwestjonijiet bhal dawn, jezistu f'pajjizna izjed minn stazzjon wiehed li jittrasmettu programmi televizivi f'Malta. Fir-raba' lok, hemm konsiderazzjonijiet li jridu jsiru dwar in-natura tal-i*spots* li ghalihom jirreferu d-decizjonijiet impunjati tal-Awtorita';

Illi, l-Qorti issa sejra tghaddi biex l-ewwelnett **<u>tqis is-siwi tal-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita' mharrka</u>**. L-Awtorita' qeghda tghid li din il-Qorti ma ghandhiex il-gurisdizzjoni biex tistharreg id-decizjonijiet taghha meta dawn ikunu mehudin skond is-setghat moghtijin lilha bl-artikolu 119 tal-Kostituzzjoni. Biex issahhah din l-eccezzjoni, hija tirrikorri ghal dak li jipprovdi l-artikolu 118(8) tal-Kostituzzjoni. Il-Qorti ma tistax taqbel ma' din is-sottomissjoni, u mill-mod kif inhi mfassla l-eccezzjoni, jidhrilha li la hija misthoqqa fl-ittra u lanqas fl-ispirtu tal-ligi. L-ewwel nett, fil-fehma taghha, l-artikolu 118(8) huwa mahsub biex iseddaq l-awtonomija tal-Awtorita' waqt li tkun qeghda twettaq id-dmirijiet taghha moghtija mill-Kostituzzjoni u mil-ligi. Fi kliem iehor, il-Qorti tifhem li dak il-provvediment tal-oghla ligi tal-pajjiz huwa mahsub biex jassigura li l-Awtorita' tithalla twettaq id-dmirijiet u l-funzjonijiet taghha minghajr l-indhil ta' hadd. Imma dak zgur m'ghandux jitiehed li jfisser li l-Awtorita' tista' taghmel li trid jew li tqieghed lilha nnifisha lil hinn minn kull kontroll li jaghmilha oghla mill-oghla ligi tal-pajjiz. Minbarra dan, il-kliem imsemmi f'dik id-dispozizzjoni tal-Kostituzzjoni huwa spjegat sewwa fl-artikolu li jfisser id-diversi dispozizzjonijiet l-ohrajn (*interpretation clause*), precizament fl-artikolu 124(10), li jghid car li lill-Qrati hija moghtija s-setgha li jezercitaw gurisdizzjoni dwar jekk persuna jew awtorita' tkunx qdiet il-funzjonijiet moghtijin lilha skond il-Kostituzzjoni. Il-kwestjoni dwar safejn tista' tintervjeni Qorti fil-funzjonijiet ta' xi awtorita' jew jekk tali intervent jikkostitwix indhil izjed milli huwa mehtieg f'funzjonijiet li l-Kostituzzjoni taghti esklussivament lil dik l-awtorita' m'huwiex dak li timplika l-eccezzjoni taht ezami: dik hija kwestjoni li se titqies 'il quddiem, meta jigu

mistharrga l-ilmenti fil-mertu tal-kumpannija attrici, sewwasew ghaliex hija kwestjoni sostantiva u mhux procedurali;

Illi dan il-punt ma japplikax biss fid-dawl tal-ligi l-gdida dwar ix-Xandir jew ghaliex fl-ordinament Malti ddahhal statutorjament l-istharrig gudizzjarju ta' ghamil amministrattiv, imma ghaliex din il-fehma ilha tigi mfissra mill-Qrati taghna ghal zmien twil u sallum ma ngiebet l-ebda raguni tajba ghaliex dik il-fehma ghandha issa tigi maqluba. F'dak ir-rigward inghad li fejn il-ligi (l-Kostituzzjoni) riedet izzomm l-indhil ta' Qorti fl-operat ta' xi persuna jew awtorita' dan qalitu espressament[50] u, ghalhekk, l-artikolu 124(10) jaghti mhux jedd lill-Qrati li jezercitaw gurisdizzjoni, izda sahansitra d-dmir li jaraw u jizguraw li kull awtorita' moghnija bis-setgha li twettaq xi funzjonijiet partikolari taqdihom u twettaqhom kif iridu l-Kostituzzjoni u l-ligijiet tal-pajjiz[51];

Illi ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti mhix qeghda tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita' mharrka;

Illi l-Qorti tghaddi issa biex tqis fil-mertu taghhom **it-talbiet tal-kumpannija attrici**. Huwa mehtieg li wiehed izomm quddiem ghajnejh u jerga' jsemmi li din hija azzjoni ta' stharrig gudizzjarju msejsa fuq id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan jinghad fic-citazzjoni nnifisha. Il-kumpannija attrici tghid li bl-imgiba taghha fil-konfront taghha, l-Awtorita' mharrka wettqet ghamil li jikser il-Kostituzzjoni u li jmur ukoll lil hinn mis-setghat moghtija mil-ligi lill-istess awtorita';

Illi din l-impostazzjoni tal-azzjoni tabilfors tnissel il-htiega li l-Qorti tqis x'tip ta' stharrig ghandha taghmel skond il-ligi dwar l-ghamil tal-Awtorita' mharrka. Kif inghad izjed qabel meta kienet qeghda tigi meqjusa l-eccezzjoni preliminari tal-istess Awtorita', dan l-ezercizzju huwa wiehed li jmiss l-aspetti sostantivi tal-azzjoni attrici. Illum il-gurnata, l-

[50] Ara, per ezempju, l-artt. 86(3), 101A(14) u 115 tal-Kostituzzjoni

[51] App. Civ. **22.5.1971** fil-kawza fl-ismijiet ***Mintoff pro et noe vs Montanaro Gaucl noe*** (Mhix pubblikata) u wkoll App. Civ. **21.4.1978** fil-kawza fl-ismijiet ***Fenech Adami et noe vs Montanaro Gaucl noe et*** (Mhix pubblikata)

azzjoni ta' stharrig gudizzjarju ta' ghamil amministrattiv tinsab imfissra u delinejata espressament fis-sistema procedurali taghna. Il-Qorti hija marbuta li timxi mal-parametri li l-ligi tipprovdi ghal din l-ghamla ta' stharrig, sakemm il-ligi nnifisha ma tipprovdix mod iehor[52];

Illi s-setgha li tinghata mill-imsemmi artikolu lil Qorti fil-kompetenza taghha civili dwar ghemil amministrattiv hija jew (a) dik li tistharreg is-siwi ta' dak l-ghamil jew (b) li tiddikjarah ma jiswiex jew minghajr ebda effett . Dan tista' taghmlu meta l-ghemil jikser il-Kostituzzjoni jew meta jkun sar lil hinn mis-setgha ta' min wettqu. F'din l-ahhar ipotezi, dan l-eccess ta' setgha (*vires*) jirrizulta meta l-att isir minn awtorita' pubblika li ma tkunx awtorizzata twettqu, jew meta l-awtorita', ghalkemm ikollha setgha twettaq dak l-ghamil, tkun naqset li thares il-principji ta' gustizzja naturali jew htiega procedurali li tabilfors trid thares qabel ma tasal ghal dak l-ghamil, jew jekk l-ghamil jikkostitwixxi abbuz tas-setgha ta' dik l-awtorita' billi jsir ghal xi ghan mhux xieraq jew fuq konsiderazzjoni irrilevanti, jew meta dak l-ghamil imur b'kull mod iehor li jkun kontra l-ligi;

Illi b'"ghamil amministrattiv" il-ligi tifhem kemm il-hrug ta' kull ordni, licenza, permess, *warrant* jew decizjoni, u kif ukoll ir-rifjut ghal xi talba ghal dak il-hrug, sakemm dak l-ghamil jew rifjut ma jkunx xi haga li ssir bl-ghan tal-organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorita' pubblika;

Illi b'"awtorita' pubblika" il-ligi tifhem il-Gvern ta' Malta, awtoritajiet lokali jew kull korp maghqud kostitwit permezz ta' ligi. Wiehed ghalhekk jistaqsi jekk kemm-il darba l-Awtorita' mharrka taqax taht din it-tifsira. Fil-fehma tal-Qorti, din il-mistoqsija tista' facilment tintwiegeb fl-affermattiv, ghaliex fid-dispozizzjonijiet innifishom li bis-sahha taghhom hija mwaqqfa wiehed isib l-ingredjenti mehtiega biex jikkostitwuha fost il-korpi maghquda mahluqa mil-ligi. Din il-fehma hija wkoll imsahha mid-

[52] Art. 469A(1) tal-Kap 12

dispozizzjonijiet relattivi tal-ligi partikolari li tirregola x-xandir[53];

Illi waqt it-trattazzjoni tal-ahhar f'din il-kawza, l-abbli difensur tal-Awtorita' mharrka qanqal il-punt dwar jekk id-decizjonijiet li dwarhom qeghda tilmenta l-kumpannija attrici messhomx jitqiesu bhala ghamil amministrattiv, u tenna li d-diskrezzjoni ezercitata mill-Awtorita tax-Xandir kien, kif sejjahlu, "att kwazi-gudizzjarju" u ghalhekk ma jaqax taht l-ambitu tal-artikolu 469A. Bl-akbar rispett lejn din is-sottomissjoni, il-Qorti ma tistax tqisha ghajr stedina ghal ezercizzju akkademiku li jhajjarha tidhol fi studju ta' dettal tad-Dritt Amministrattiv imma li ma jnehhi bl-ebda mod is-setgha taghha li tistharreg l-ilmenti tal-kumpannija attrici. Bla ma ttawwal wisq fuq dan il-punt, jinghad biss li l-fatt li l-ghamil impunjat jikkostitwixxi "gudizzju" ma jirrendix dak l-ghamil "mhux amministrattiv": ghall-kuntrarju, dan tinkludih il-ligi nnifisha meta, fost l-atti tissemma l-kelma "decizjoni". Minbarra dan, diga' huwa stabilit li l-artikolu 469A jaghti lill-Qrati ta' kompetenza civili s-setgha li, bla ma jikkostitwixxu appell, jistharrgu r-regolarita' ta' decizjonijiet "kwazi-gudizzjarji" fil-limiti hemm imfissra[54];

Illi huwa ghalhekk il-waqt li wiehed jara <u>**safejn tasal is-setgha tal-Qorti li tqis l-imgiba tal-Awtorita' mharrka**</u>, u b'mod partikolari l-imgiba taghha li wasslitha tiehu d-decizjonijiet li minnhom tilminta l-kumpannija attrici. Jibqa' dejjem tajjeb bhala punt ta' tluq li wiehed izomm quddiem ghajnejh li l-Awtorita' mharrka tgawdi minn diskrezzjoni fi grad mhux traskurabbli fil-mansjoni taghha ta' ghassiesa fuq dawk kollha nvoluti fil-qasam tax-xandir. Wiesgha kemm hi wiesgha dik id-diskrezzjoni, il-Qorti ghandha s-setgha tara (jekk isirilha lment ghal daqshekk) jekk tkunx twettqet ghall-ghanijiet li ghaliha tkun hasbet il-ligi, jew jekk taqbilx mal-qadi tal-funzjonijiet u d-dmirijiet taghha skond il-Kostituzzjoni u l-ligi[55]. Minbarra dan, il-mansjoni tal-Qorti li tizgura li l-Awtorita' tax-Xandir tkun

---

[53] Art. 4 tal-Kap 350

[54] Ara, per ezempju, App. Kost. **6.10.1999** fil-kawza fl-ismijiet ***Bartolo vs Avukat Generali et*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.275**)

[55] P.A. EM **17.5.1971** fil-kawza fl-ismijiet ***Mintoff pro et noe vs Montanaro Gauci pro et noe***

wettqet dmirijietha jista' jwassalha biex tintervjeni jekk, fil-fehma taghha, l-arrangamenti maghmulin jew l-azzjoni mehuda mill-Awtorita' jonqsu b'xi mod rilevanti mill-harsien tar-rekwiziti stabiliti mil-ligi, mehudin b'qies ic-cirkostanzi partikolari tal-pajjiz u s-sensittivita' politika aktar intensa marbuta maz-zmien li ghalih ix-xandiriet in kwestjoni jkunu mahsuba;

Illi ladarba wiehed jitkellem dwar diskrezzjoni, wiehed tabilfors ikun qieghed jara sitwazzjoni fejn trid issir ghazla bejn izjed minn linja wahda ta' azzjoni. Jekk m'hemmx ghazla ta' izjed minn triq wahda, allura wiehed ma jitkellimx dwar diskrezzjoni imma dmir;

Illi l-Qorti thoss li ghandha ticcita din is-silta li gejja minn xoghol ewlieni f'dan il-qasam u li, fil-fehma taghha, tfisser b'mod car il-perm kollu tal-indagni li hija mitluba taghmel f'din il-kawza. Inghad illi "*To say that somebody has a discretion presupposes that there is no uniquely right answer to his problem. There may, however, be a number of answers that are wrong in law. . . . . The exercise of a discretion may be impugned directly or indirectly. The indirect method of challenge is the more common. A person aggrieved by the exercise of a discretionary power may, instead of attacking the merits of the exercise of the discretion, contend that the repository of the discretion has acted without jurisdiction or 'ultra vires' because of the non-existence of a state of affairs upon which the validity of the exercise of the discretion depends. Or he may contend that the repository of the discretion has failed to observe the rules of natural justice (if they are found to be applicable) or other essential procedural requirements. If his contentions are successful, the court will hold the discretionary act to be invalid, and the fact that the true reason for insistuting proceedings will have been his dislike of the manner in which the discretion itself was exercised is not a valid objection to the proceedings. . . . . The crucial question, however, is: In what circumstances and to what extent will the courts review the merits of the exercise of a statutory discretion which is neither made subject to appeal nor limited by the express provisions of a statute?*

*The courts have repeatedly affirmed their incapacity to substitute their own discretion for that of an authority in which the discretion has been confided.*"[56];

Illi kien ghalhekk li, mal-medda taz-zmien, issawru regoli li jharsu l-imsemmija setghat diskrezzjonali u kif il-Qrati kellhom iqisu l-istharrig taghhom dwarhom. Ewlenija fost dawn ir-regoli hi li awtorita' li hija moghnija b'diskrezzjoni tista' tigi ordnata tezercitaha f'kaz li tkun naqset li taghmel dan, imma ma tistax tigi dettata x'ghandha tiddeciedi jew li twettaqha b'xi mod partikolari. Biex jigi assikurat li din id-diskrezzjoni kienet imwettqa, jehtieg li lill-Qorti jirrizultalha li dik l-awtorita' tassew qieset il-kwestjoni li kellha quddiemha, u li dan ghamlitu minghajr l-indhil tal-ebda haddiehor jew bla ma poggiet lilha nnifisha f'qaghda fejn ma setghetx jew irrifjutat li twettaq dik id-diskrezzjoni[57]. Siewi wkoll li jigi accertat li l-awtorita' mistharrga m'ghamlitx dak li kienet espressament mizmuma milli taghmel, (jigifieri ghamil kontra dak li setghet taghmel) jew jekk ghamlitx xi haga li ma kinitx awtorizzata taghmel (jigifieri ghamil lil hinn minn dak li setghet taghmel). Fuq kollox, l-awtorita' mistharrga trid tkun imxiet *bona fide* u qieset il-konsiderazzjonijiet rilevanti tal-kaz. Dawn huma, fil-qosor, il-gabra tal-kategoriji fid-Dritt Amministrattiv ta' nuqqas ta' ezercizzju ta' diskrezzjoni u ta' eccess jew abbuz ta' dak l-ezercizzju;

Illi marbut sfiq ma' dawn il-principji wiehed isib ukoll it-test tar-ragonevolezza tat-twettiq tad-diskrezzjoni. Dan l-aspett qieghed jissemma ghaliex il-kumpannija attrici semmiet, fost l-ilmenti taghha, l-irragonevolezza tad-decizjoni tal-Awtorita' mharrka. Id-dmir li awtorita' tagixxi ragonevolment mhux l-istess bhad-dmir li tagixxi *bona fide*[58]. Ghalhekk, filwaqt li mhux kull ezercizzju ragonevoli ta' gudizzju huwa bilfors korrett, lanqas m'huwa bilfors irragonevoli kull ezercizzju ta' gudizzju zbaljat[59]. F'kaz bhal dan, ix-xiber li l-Qorti jidher li ghandha tuza biex tkejjel bih ikun dak li tqis jekk id-decizjoni li minnha jkun

[56] DeSmith & Evans *Judicial Revue of Administrative Action,* 4a. Ediz. (1980) pagg. 278-9
[57] Ara App. Civ. **20.5.1982** fil-kawza fl-ismijiet ***Fenech Adami et vs Cremona pro et noe***
[58] Ara, per ezempju, ***R vs Roberts, ex p. Scurr*** (1924) 2 K.B. 695
[59] Ara, per ezempju, ***R. vs W*** **(1971)** A.C. 682

hemm ilment kinitx mistennija li tittiehed minn persuni ragonevli;

Illi, mbaghad, ladarba johrog li l-Awtorita’ tkun wettqet il-funzjonijiet. taghha kif preskritt u mxiet fil-limiti moghtija lilha fil-ligi, il-Qrati m’ghandhomx jindahlu fuq il-kejl, il-frekwenza, jew dettalji ohra tad-decizjonijiet tal-istess Awtorita’, jew li jistabilixxu minflokha sistema ta’ xandiriet jew rimedji bhal dawn [60]. Tibqa’ dejjem siewja u ghaqlija r-regola li kull kaz jkun deciz fuq il-merti partikolari tieghu u li l-Qrati jaghrfu jzommu bilanc bejn il-harsien tal-jeddijiet ta’ min jitlobhom jaghtu r-rimedju u l-limiti ta’ safejn ghandhom id-dover li ma jzommux lura milli jistharrgu kif imiss;

Illi l-kittieba awtorevoli f’dan il-qasam jghallmu li r-rwol ewlieni tal-Qrati fid-dritt amministrattiv huwa dak li jizguraw li ma tonqosx il-legalita’ fl-ghemil mistharreg, izjed milli dak li jaraw li l-awtorita’ mistharrga tkun iddecidiet sewwa. Id-distinzjoni, ghalkemm wahda fina, hija fondamentali u diga’ giet milqugha mill-oghla Qrati taghna f’ghadd ta’ okkazjonijiet. Minbarra dan, il-kwestjoni dwar jekk awtorita’ ghandhiex is-setgha li tiddelibera u taqta’ dwar materja mressqa quddiemha tiddependi min-natura tal-vertenza mressqa quddiemha, determinabbli fil-bidu tal-indagni taghha, u mhux fuq il-verita’ jew le tal-istess fatti jew fuq kemm iddecidiet tajjeb dwarhom[61];

Illi issa li tfissru b’reqqa l-parametri li fihom il-Qorti tista’ tistharreg l-imgiba tal-Awtorita’ mharrka, imiss li tghaddi biex tara jekk din l-imgiba hijiex censurabbli kif qeghda tallega l-kumpannija attrici, u dan fuq l-ilmenti u x-xiljiet li qeghda tressaq l-istess kumpannija attrici u li gew identifikati fl-ewwel parti ta’ din is-sentenza. Izda biex dan ikun jista’ jsir, jehtieg wiehed jara **x’inhuma s-setghat u d-dmirijiet li l-ligi tqieghed fuq l-Awtorita’ mharrka**;

Illi l-artikolu 119 tal-Kostituzzjoni jipprovdi x’inhuma l-funzjonijiet tal-Awtorita’ tax-Xandir, u li ilhom jigu studjati u

[60] P.A. **1.10.1975** fil-kawza fl-ismijiet ***Borg Olivier et vs Coleiro noe*** (Mhix pubblikata)
[61] Ara DeSmith & Evans *Op. Cit*, 4a ediz., pagg. 110-1

mfissra mill-Qrati ghal bosta snin. Inghad awtorevolment li dawn il-funzjonijiet jinqasmu fi tnejn: dawk li jirrigwardawha bhala strument kostituzzjonali u funzjonijiet organizzativi immirati lejn it-twettiq fil-prattika tal-pluralizmu[62]. Dawn huma li (a) tara li tinzamm, safejn possibbli, imparzjalita' xierqa dwar xandir provdut f'Malta dwar hwejjeg ta' kontroversja politika jew industrijali jew marbuta ma' politika (*policy*) pubblika kurrenti, (b) tara li l-facilitajiet u l-hin tax-xandir jitqassmu b'mod xieraq bejn persuni li jkunu ta' partiti politici differenti. Minbarra dan, hemm ghadd ta' dispozizzjonijiet ohrajn fil-Ligi dwar ix-Xandir li jfissru s-setghat u dmirijiet tal-istess Awtorita'. Ghall-finijiet ta' din il-kawza wiehed isemmi (i) is-setgha li tirregola s-servizzi ta' xandir ta' smigh u ta' televizjoni f'Malta u tohrog licenzi ghall-ghoti ta' dawk is-servizzi[63]; (ii) is-setgha li taghti hija nnifisha jew permezz ta' kuntrattur tax-xandir servizz ta' xandir ta' smigh jew televizjoni[64]; (c) tiddelega s-servizzi ta' xandir li hija ghandha l-jedd taghti lil kuntratturi tax-xandir li jkollhom id-dritt u d-dmir li jipprovdu dawk is-servizzi ghaliha u f'isimha[65]; (iv) dwar il-licenzi ghax-xandir mahrugin minnha, twettaq bil-mod li hi tqis li hu l-ahjar taqsim wiesgha li jkun disponibbli ma' Malta kollha[66]; (v) bi dmir, tissoddisfa lilha nnifisha li, kemm jista' jkun, il-programmi mxandra minn persuni li jaghtu servizz ta' xandir f'Malta jkunu jharsu htigijiet specifici, fosthom allokazzjoni ta' hin bizzejjed lill-ahbarijiet u grajjiet kurrenti u li l-ahbarijiet kollha f'kull ghamla ta' programm ikunu pprezentati b'mod imparzjali[67] u mxandra bl-ezattezza dovuta[68], u li, tinzamm imparzjalita' wkoll f'programmi dwar hwejjeg ta' kontroversja politika jew industrijali jew li ghandhom x'jaqsmu ma' *policy* pubblika kurrenti[69]; (vi) taghti direttivi bil-miktub lil kull min qieghed jaghti jew hu responsabbli ghal servizz ta' xandir, kif jidhrilha mehtiega ghat-twettiq

---

[62] App. Civ. **10.6.1996** fil-kawza fl-ismijiet ***Grima noe vs Pirotta noe et*** (Kollez. Vol: **LXXX.ii.750**)
[63] Art. 3(1) tal-Kap 350
[64] Art. 3(2) tal-Kap 350
[65] Art. 3(4) tal-Kap 350
[66] Art 13(1) tal-Kap 350
[67] Art 13(2)(c) tal-Kap 350
[68] Art 13(2)(b) tal-Kap 350
[69] Art. 13(2)(f) tal-Kap 350

tal-funzjonijiet imposti mill-artikolu 119 tal-Kostituzzjoni[70]; (vii) torganizza skemi ta' xandiriet politici (maghdudin *spots* politici) u dibattiti li jkunu bilancjati u li jaghtu opportunita' ta' smigh lil persuni jew gruppi b'interessi differenti , kif ukoll li tipproduci kummentarji jew programmi ohrajn dwar materji li ghandhom x'jaqsmu ma' politika pubblika kurrenti bis-sehem ta' veduti u kummenti differenti[71]; (viii) tordna, b'zieda mas-setghat l-ohrajn kollha, lil kull persuna li tipprovdi servizz ta' xandir f'Malta, li taghti bla hlas kull facilita' ta' registrazzjoni (*recording*) jew facilitajiet ohrajn, u kif ukoll li l-istess persuni jxandru minghajr hlas u fil-hinijiet minnha stabiliti, kull programm bhal dak imsemmi fl-artikolu 13(4)[72]; u li (ix) tapprova skedi ta' programmi li ma jkunux reklami[73];

Illi din il-Qorti tqis ukoll bhala ta' rilevanza kbira ghas-soluzzjoni tal-kwestjoni mressqa quddiemha zewg dispozizzjonijiet ohrajn tal-imsemmi Att dwar ix-Xandir. L-ewwel fosthom huwa l-artikolu 16A li ddahhal fil-ligi bl-Att XV tal-2000, u li jghid b'mod car li d-dispozizzjonijiet tal-Att ghandhom japplikaw ghax-xandara kollha li jaqghu taht il-gurisdizzjoni Maltija. Dispozizzjoni ohra hija dik li tinsab fir-Regolament 19 tat-Tieni Skeda tal-Att (liema Skeda tirreferi ghal dak li huwa msejjah "Pjan Nazzjonali ghax-Xandir") fejn, fost l-ohrajn, jinghad li x-xandir pubbliku ghandu r-responsabbilta' partikolari li jipprovdi ahbarijiet u programmi ta' grajjiet kurrenti li jirrispettaw il-htigiet kostituzzjonali tal-imparzjalita', u li jimxu ma principji gurnalistici li jizguraw servizz ta' taghrif li jaghti stampa cara u qrib is-sewwa fl-interess ta' socjeta' demokratika u pluralistika;

Illi l-istess Skeda tiddikjara li l-monopolju tal-Istat fix-xandir f'Malta jrid jintemm[74] u tfisser ukoll li l-mezzi pubblici tax-xandir f'Malta jinkludu espressament lill-kumpannija attrici (bil-kanal taghha televiziv u z-zewg servizzi radjofonici) u

[70] Art. 15 tal-kap 350
[71] Art. 13(4) tal-Kap 350
[72] Art. 13(5) tal-Kap 350
[73] Art. 23 tal-Kap 350
[74] Reg. 17, Skeda 2, Kap 350

l-kanali tal-komunita' u dak tal-edukazzjoni li jxandu bis-sistema tal-*cable*[75];

Illi fil-kaz tal-kumpannija attrici jrid jinghad li, bhala dik l-entita' li tiehu hsieb ix-xandir pubbliku, hija tinsab marbuta bir-responsabbilta' partikolari tal-obbligi li l-ligi tpoggi fuq spallejn l-Awtorita' tax-Xandir kwazi b'mod solidali maghha. Minbarra dan, il-harsien ta' dawn l-obbligi huwa mistenni mil-ligi li jitwettaq mhux biss meta jkun hemm ilment minn terz dwar il-ksur taghhom, imma minkejja li ma jkunx hemm ilment bhal dak. B'dan il-mod, ir-rwol proattiv li jrid jitwettaq biex tigi assikurata l-imparzjalita' fix-xandir jitlob li l-funzjonijiet u d-dmirijiet tal-Awtorita' mharrka u tal-kumpannija attrici jigi ezercitat mhux biss preventivament imma wkoll b'mod korrettorju li jaghmel tajjeb ghal xi ksur li seta' kien hemm[76];

Illi, fil-fehma tal-Qorti, dan ifisser li jekk kemm-il darba jaqa' piz fuq l-Awtorita' li tkun proattiva u li, fil-harsien tal-principji ta' imparzjalita' sanciti u msemmija fil-Kostituzzjoni, dan l-obbligu trid twettqu minn rajha, igib mieghu li l-istess dmir jintiret u japplika wkoll ghall-kumpannija attrici. Li kieku dan ma kienx minnu u l-kumpannija attrici kienet mehlusa milli thares dawk id-dispozizzjonijiet tal-ligi, is-sanzjonijiet mahsuba u preskritti ghal tali ksur ma kinux jaghmlu sens[77]. Ghall-kuntrarju, huwa llum il-gurnata stabilit li d-dmir tal-harsien tal-bilanc u l-imparzjalita' f'xandiriet ta' politika pubblika kurrenti jinkombi fuq ix-xandar li ma jistax jahrab minnu billi jistahba wara l-Awtorita' mharrka[78];

Illi mill-konsiderazzjonijiet li ghadhom kemm saru ghandha tohrog **<u>in-natura tar-rabta li tezisti bejn il-kumpannija attrici u l-Awtorita' mharrka</u>**. B'rihet il-fatt li l-ligi attwalment fis-sehh dahhlet bhala fondamentali l-principju

[75] Reg. 18, Skeda 2, Kap 350

[76] Ara App. Civ. **21.4.1978** fil-kawza ***Fenech Adami et vs Montanaro Gauci noe et.*** u wkoll App. Civ. **20.5.1982** fil-kawza ***Fenech Adami et vs Cremona noe et***, u App Civ **17.7.1997** fil-kawza fl-ismijiet ***Fenech Adami et vs Pirotta et noe*** , fuq imsemmija

[77] P.A. JF **2.6.1986** fil-kawza fl-ismijiet ***Fenech Adami pro et noe vs Mifsud Bonnici noe et*** (Mhix pubblikata)

[78] Ara App. Civ. **17.7.1997,** *supra*

tal-espressjoni hielsa[79], u l-indipendenza tax-xandir pubbliku mill-indhil tal-Gvern f'dak li jirrigwarda r-responsabbilta' editorjali ta' min jipprovdi x-xandir[80], maghdud maghhom il-fatt li l-pluralizmu fis-sistema televiziv f'Malta huwa l-punt tat-tluq[81], inbidlet radikalment ir-rabta ta' dipendenza li qabel kienet tikkaratterizza lil min kien imqabbad ixandar pubblikament lejn l-Awtorita' tax-Xandir. Izda l-awtonomija statutorja li kull xandar mistenni jgawdi, ma xejnitx is-setgha tal-Awtorita' li tinsisti li kull min ixandar ihares fl-istess waqt id-dmirijiet imposti mil-ligi u li jkollha s-sahha li tizgura l-adezjoni f'kaz ta' nuqqas ta' harsien ta' kull dmir. Dan gab mieghu wkoll l-effett li kull min ixandar waqa' fuqu direttament il-piz tal-harsien ta' kull dmir impost mil-ligi. Dan id-dmir ta' harsien m'huwiex obbligu legali lejn l-Awtorita' imma wiehed lejn is-socjeta' in generali li lejha huwa dirett is-servizz tax-xandir;

Illi issa li gew imfissrin dawn ir-rabtiet f'ghajnejn il-ligi, imiss li wiehed iqis **<u>x'inhi n-natura tal-i*spots* mertu tal-kawza.</u>** M'hemm l-ebda tifsira fil-ligi attwali ghall-kelma "*spot*", izda l-kelma tintuza fl-artikolu 13(4) tal-Kap 350 fil-kuntest ta' skemi ta' xandir politiku. Ma jidhirx li l-i*spots* tal-M.I.C. jikkostitwixxu "reklam" kif il-kelma tinsab imfissra fl-artikolu 2 tal-istess Att jew kif inhuma mfasslin il-parametri ta' reklamar imfissra fit-Tielet Skeda, li jeskludu reklamar ta' natura politika[82]. Ghalhekk, il-Qorti tasal biex taqbel mat-tifsira li tathom l-Awtorita' mharrka fl-ewwel paragrafu tal-Memorandum taghha diskuss fi hdan l-istess Awtorita' fid-29 ta' Mejju, 2002;

Illi f'dan il-kuntest il-Qorti tirreferi ghal kitba aggornata dwar in-natura tax-xandir politiku b'rabta mal-obbligu tal-imparzjalita' ghaliex issibhom ifissru tant tajjeb il-qalba tal-kwestjoni li ghandha quddiemha f'din il-kawza. "*The rules on political and election broadcasting bear a relationship to this obligation (to ensure impartiality) because they aim to preserve a balance between the political parties and to avoid promotion of any one political party. . . . It is*

[79] Art. 11(1)(a) tal-Kap 350
[80] Reg. 1(1)(b) tat-Tieni Skeda tal-Att
[81] Reg. 2(1) tat-Tieni Skeda tal-Att
[82] Ara Reg. 1(e)

*important to be clearabout the meaning of political broadcasts. Programmes such as news, current affairs, and those about political or current issues will be under the control of the broadcasters and will have to comply with the rules on impartiality and fairness. It is also important to distinguish political and election broadcasting from political advertising. Although some modern political and election broadcasting may have presentational styles more usually associated with advertising, paid political advertising is banned. . . . Even accepting that it is important that political parties should have access to broadcasting outlets, there remain difficult questions to be resolved about who should have access and how much access should be allowed. Although there are specific statutory obligations, access is mainly resolved through negotiation between the political parties and broadcasters, leaving considerable discretion in the hands of the broadcasters and regulatory bodies*"[83]

Illi dwar il-kontenut tal-i*spots* tal-M.I.C., il-kumpannija attrici tghid li dawn huma fattwali u mhux kontroversjali tant li ma jimmeritawx rimedju. Kif inghad drabi ohra fi kwestjonijiet bhal dawn[84], il-jedd ghar-rimedju jitnissel mill-fatt innifsu li l-argumenti trattati fix-xandira partikolari jkunu jirrigwardaw kwestjoni ta' natura kontroversjali f'waqt partikolari tal-istorja tal-pajjiz. Billi l-ghazla dwar l-ishubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropeja ghadha ma sehhitx, m'ghandux ikun hemm dubju li l-mira ewlenija tal-ispots tal-M.I.C. hija dik li thajjar lil min jarahom biex jahseb dwar l-ghazla li ghandu jaghmel. Il-fatt innifsu li l-ispots tal-M.I.C. jfissru b'mod fattwali xi effetti f'oqsma differenti tal-hajja Maltija wara s-shubija fl-Unjoni Ewropeja jirriflettu sitwazzjoni meta l-ghazla dwar l-ishubija tkun ga' sehhet jew li m'hemmx fehma kontra dik l-ghazla. Madankollu, bhalma huwa maghruf sewwa u notorjament u kif jirrizulta wkoll mill-atti tal-kawza, il-qofol tal-kontroversja politika li pajjizna ghaddej minnha bhalissa dwar din il-kwestjoni huwa sewwasew iz-zewg kampi politici kontra xulxin: wiehed favur l-ishubija shiha u l-iehor ghal kollox kontra

[83] Barendt & Hitchens _Media Law_, 2000, pagg. 150-1

[84] Ara. P.A. GCD **1.7.1997** fil-kawza fl-ismijiet ***Fenech Adami pro et noe vs Pirotta noe et***

shubija bhal dik. Huwa car ghalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, li l-imsemmija *spots* ma humiex jirrapprezentaw fl-istess waqt dawn iz-zewg kampi hekk kontra xulxin u ghalhekk titnissel il-htiega tar-rimedju. Il-Qorti tara li huwa f'din il-perspettiva li johrog l-element kontroversjali li jdur mal-imsemmija *spots* u li l-istess Awtorita' mharrka jidher li sejset fuqu r-ragunament kollu tan-Nota (memorandum) taghha diskussa fil-laqgha tad-29 ta' Mejju, 2002, u l-eventwali decizjoni taghha tas-6 ta' Gunju;

Illi xejn f'dak li ghadu kemm inghad m'ghadu jinftiehem bhala dikjarazzjoni ta' parzjalita' jew illegalita' tal-kontenut tal-ispots tal-M.I.C. Dan il-punt m'huwiex parti mill-gudizzju li trid taghmel din il-Qorti, ghax mhix mitluba li taghmlu. Kulma qieghed jinghad, bhala kostatazzjoni ta' fatt, hu li l-materja innifisha ta' dawn ix-xandiriet hi wahda li essenzjalment tittratta suggett li dwaru, f'dan il-waqt storiku f'pajjizna, ghaddejja kontroversja attwali tahraq ta' bixra politika;

Illi jekk wiehed imbaghad iqis id-dispozizzjonijiet fis-sehh fil-ligi dwar kwestjonijiet ta' *policy* pubblika kurrenti, b'mod partikolari dak li jipprovdi l-artikolu 13(2) tal-Kap 350, ghandu jsib li, fejn tidhol kwestjoni ta' politika (*policy*) pubblika kurrenti, lanqas huwa mehtieg li jkun hemm element ta' kontroversja biex jitnissel l-obbligu tal-imparzjalita' u bilanc u, fil-kaz tal-ksur tieghu, il-jedd ghal rimedju lill-parti aggravata[85];

Illi l-ligi tghid ukoll li s-setghat tal-Awtorita' rigward tnedija u twettiq ta' skemi ta' programmi politici jithaddmu sakemm huwa gustifikat b'mod ragonevoli f'socjeta' demokratika[86]. Wiehed ghalhekk jistaqsi fiex jikkonsistu dawn il-limiti. Fil-qasam tax-xandir, u b'mod partikolari fil-kuncett ta' liberta' tal-espressjoni li llum hija r-ruh wara kull sistema ta' xandir pluralista, il-gwida hija provduta fl-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali[87] moqri flimkien

---

[85] Ara App. Civ. **17.7.1997** fil-kawza fl-ismijiet ***Fenech Adami pro et vs Pirotta pro et*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.593**)
[86] Ara proviso ghall-art. 13(5) tal-Kap 350
[87] Ara l-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta

mal-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni. Fit-taghlim u t-tifsir moghti lil dak l-ewwel artikolu, l-"espressjoni" tinkludi mhux biss il-kliem mithaddet, imma wkoll ix-xbihat jew eghmejjel mahsuba li jfissru ideja jew li jwasslu taghrif[88]. Ma jistax jonqos ghalhekk li x-xandir, inkluz dak televiziv, jigbed lejh ukoll il-harsien tat-tgawdija ta' dan il-jedd[89]. Huwa siewi hafna li wiehed jiftakar li, fl-evoluzzjoni tat-tifsir shih tal-imsemmi Artikolu 10, l-harsien m'huwiex moghti biss lill-forma tal-espressjoni fiha nfisha, imma wkoll u bir-ragun lill-mezzi li biha dik l-espressjoni tinholoq u tigi trasmessa. Fid-dawl ta' dan kollu, izda, jrid jinghad li l-istess artikolu 10 ma jzommx lil Stat milli jehtieg licenzi biex wiehed ixandar[90]. L-istess artikolu jippermetti wkoll formalitajiet, kondizzjonijiet, restrizzjonijiet jew penali kif preskritti f'ligi u dan biex jigu mharsa l-interessi tas-sigurta' nazzjonali, biex jigi evitat dizordni jew twettiq ta' delitti, biex tigi mharsa s-sahha jew morali pubblika, u ghanijiet ohrajn hemm imsemmija[91];

Illi nghad li "*for interference of freedom of expression to be permitted, it must have the legitimate aim of furthering one or more of the public interest purposes listed in Article 10(2)*"[92]. Issa, f'dan ir-rigward il-Qorti tifhem li l-obbligu tal-harsien tal-imparzjalita' u l-bilanc fix-xandir min-naha ta' min ikun qieghed ixandar ghandu zewg destinatarji jew titolari ta' jeddijiet fondamentali: l-ewwel hija s-socjeta' in generali, li ghandha l-jedd tistenna li tinghata xandir oggettiv, u t-tieni huma dawk li bhala parti mill-jedd tal-espressjoni nnifsu, ghandhom il-jedd li jinghataw l-opportunita' li jesprimu rwiehhom u jsemmghu l-fehmiet taghhom bhal haddiehor. Hekk f'dan il-kaz qieghed jistenna l-partit intervenut fil-kawza. Jekk din hija tifsira korretta tal-qafas li fih kull xandar irid izomm id-debita imparzjalita' u bilanc fix-xandiriet li jaghmel, allura wiehed isibha iebsa biex jifhem kif id-dmir tal-imparzjalita' u s-setghat li ghandha l-Awtorita' mharrka biex tara li dan l-obbligu jithares, jista' jitqies li jmur kontra l-Kostituzzjoni

---

[88] Ara ***Muller vs Switzerland*** **(1988)** u ***Chorherr vs Austria*** **(1993)**
[89] Ara ***Autronic vs Switzerland*** **(1983)**
[90] Art. 10(1) ECHR
[91] Art. 10(2) ECHR
[92] Harris, O'Boyle & Warbrick Law of the European Convention on Human Rights, (1995), pag. 391

jew li mhux gustifikat b'mod ragonevoli f'socjeta' demokratika;

Illi bil-kelma "imparzjalita'" fil-qafas ta' materji ta' kontroversja politika jew ta' hwejjeg ta' politika pubblika kurrenti wiehed jifhem xi haga differenti minn parita'. Kemm hu hekk, jinghad illi "*Impartiality is not to be equated with parity or balance as between political parties of different strengths, popular support or appeal. ... It means fairness of allocation having regard to those factors, yet making allowance for any significant current changes in the political arena and for the potential effect of the powerful medium of television itself in advancing or hindering such changes*"[93] . Dan ukoll jinsab stabilit f'decizjonijiet tal-Qrati taghna sa minn certu zmien ilu[94], specjalment meta wiehed jigi biex iqis ir-rimedju li jrid jinghata biex jirripristina l-imsemmija parzjalita' jew nuqqas ta' bilanc;

Illi huwa maghruf u accettat illi "*the requirement imposed on licensees to present programmes with due impartiality and to avoid editorialising is one of the more direct infringements on a broadcaster's freedom of speech. However, it can also be seen as relevant to the wider sense in which we talk of broadcasting freedom, because the rules prevent dominance by any particular interests, enabling the audience to obtain a variety of information and knowledge*"[95]. Dan jikkostitwixxi l-bilanc demokratiku li l-udjenza tistenna li tircievi bix-xandira u li l-partijiet li jridu jsemmghu lehinhom u jkollhom access ghax-xandir jistennew li jinghatalhom;

Illi ghalhekk il-Qorti issa sejra tghaddi biex tara wiehed wiehed ic-cirkostanzi kollha msemmija fil-ligi (partikolarment l-artikolu 469A tal-Kap 12) biex tara jekk kemm-il darba l-Awtorita' naqsitx milli twettaq l-obbligi taghha jew jekk qabzitx il-limiti imposti mil-ligi meta waslet

[93] Auld LJ fil-kawza fl-ismijiet ***R vs British Broadcasting Company et, ex parte Referendum Party*** (**1997**) EMLR 605

[94] App. Civ. **26.2.1976** fil-kawza ***Borg Olivier et vs Coleiro noe*** u App. Civ. **17.7.1997** fil-kawza ***Fenech Adami noe vs Pirotta noe et***, imsemmija qabel

[95] Barendt & Hitchens *op. cit*, pagg. 126-7

biex tat id-decizjonijiet li minnhom qeghda tilminta l-kumpannija attrici. Qabel ma l-Qorti taghmel dan l-ezercizzju jixraq li ssir riferenza ghal zewg cirkostanzi li ssemmew waqt is-smigh tal-kawza. L-ewwel wahda hija l-istqarrija maghmula minn Anthony Tabone waqt li kien qieghed isirlu l-kontro-ezami tieghu, fejn qal dan il-kliem: "*l-Awtorita' tax-Xandir hija akbar minnek, hija akbar minna u ghandha d-dritt li tordna u ghalhekk ridna nobdu lill-Awtorita'*"[96]. It-tieni wahda hija li, meta kienet qeghda ssir it-trattazzjoni tal-ahhar, l-Avukat tal-kumpannija attrici stqarr fuq mistoqsija tal-Qorti li l-Awtorita' mharrka ma kienet qeghda tigi akkuzata mill-klijenta tieghu bl-ebda ksur ta' xi dispozizzjoni tal-Kap 350;

Illi l-ewwel kawzali msemmija mill-artikolu 469A hija dik dwar ksur tal-Kostituzzjoni. Il-kumpannija attrici fissret dan l-ilment fil-konfront tal-Awtorita' mharrka billi issottomettiet illi, minhabba l-mod kif inhija mfassla d-decizjoni tal-Awtorita', terzi (f'dan il-kaz tfisser il-partit intervenut fil-kawza) jistghu jidhlu x'hin iridu b'xandira taghhom, f'nofs programmi li l-kumpannija attrici tkun diga' fasslet li ddahhal introjtu xieraq minnhom. Dan l-argument jintrabat mal-iehor ripetutament imfisser minn Anthony Tabone dwar l-oggezzjoni ghall-i*spots* bla hlas mill-Malta Labour Party. L-argument imressaq huwa li, bl-i*spots* in kwestjoni, jistghu jitnaffru dawk li kien behsiebhom jirreklamaw waqt programmi ta' P.B.S. Fl-ewwel lok, il-Qorti tosserva li diga' tqieset x'inhija l-pozizzjoni mehuda mill-Kostituzzjoni dwar l-obbligi ewlenin marbuta max-xandir. Fit-tieni lok, iz-zewg argumenti mressqa mill-kumpannija attrici f'dan ir-rigward ma jistghux jitqiesu li huma izjed b'sahhithom mill-obbligu kardinali tal-harsien tal-imparzjalita' u bilanc, mhux biss ghaliex huma cirkostanzi ipotetici (u bl-ebda mod ippruvati f'din il-kawza), izda wkoll ghaliex l-aspett kummercjali tas-servizz moghti mill-kumpannija attrici m'huwiex mahsub li jkun l-oghla prijorita' taghha;

Illi dan l-istess argument japplika ghas-sottomissjoni li l-istudji li ikkommissjonat il-kumpannija attrici juru li n-nies

[96] Pag. 89 tal-process

hija mxebba' minn xandir ta' bixra politika. L-istudji m'humiex kontestati, u wisq probabbli qeghdin juru sewwa l-fehmiet tal-poplu, imma huwa ftit iebes biex wiehed jaccetta kif il-kumpannija attrici, minkejja dawk is-sejbiet u kontra x-xejriet li wrewha l-istudji li kellha f'idejha, ikkuntrattat biex ixxandar l-i*spots* tal-M.I.C. in kwestjoni u allokatilhom sewwasew fost l-ahjar hinijiet (*prime time*) tax-xandiriet taghha. Kien hemm punt rilevanti iehor imressaq waqt it-trattazzjoni f'isem il-partit intervenut meta nghad li wkoll jekk percentwali ckejkna mill-poplu ssegwi fedelment xandiriet politici, jibqa' jiswa l-principju tal-imparzjalita' u jibqa' misthoqq ir-rimedju minnu mitlub, ghaliex dak il-percentwali huwa determinanti fl-ezitu ahhari ta' decizjoni plebixxitarja dwar il-kwestjoni politika relattiva;

Illi t-tieni kawzali mahsuba fl-artikolu 469A hija li l-ghamil amministrattiv ikun *ultra vires*. Fis-sottomissjonijiet taghha, il-kumpannija attrici tghid li d-decizjoni milhuqa mill-Awtorita' tippregudika serjament id-drittijiet u l-interessi tal-attrici, hija irragonevoli, oppressiva, ingusta u illegali. Fuq it-tifsir tal-kuncetti elenkati diga' nghad bizzejjed. Imma jrid jinghad ukoll li l-konsiderazzjonijiet li l-ligi ssemmi fl-artikolu 469A huma ohrajn, u huwa fuq dawn il-konsiderazzjonijiet li l-Qorti trid twettaq l-istharrig taghha. L-Awtorita kienet il-persuna li setghet u kienet awtorizzata tiehu d-decizjoni impunjata[97]. Ma ngiebet l-ebda prova ta' irritwalita', fis-sens ta' nuqqas ta' harsien tal-principji ta' haqq naturali fil-process li wassal ghat-tehid tad-decizjoni[98]. Bl-ebda mod ma ntwera jew jirrizulta li l-ghamil amministrattiv kien mehud ghal ghanijiet mhux xierqa jew msejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti[99]: ghall-kuntrarju, mid-dokument imressaq mill-Awtorita' qabel ittiehdet id-decizjoni, johrog manifestament car li dawk id-deliberazzjonijiet kienu jolqtu l-qofol tal-obbligu impost fuq l-Awtorita' (u wkoll fuq il-kumpannija attrici) u ttiehdu fil-limiti ta' s-setghat taghha u mizmum strettament fil-kompetenza gurisdizzjonali taghha;

[97] Art. 469A (1)(b)(i) tal-Kap 12
[98] Art. 469A (1)(b)(ii) tal-Kap 12
[99] Art. 469A(1)(b)(iii) tal-Kap 12

Illi fl-ahharnett, hemm il-kawzali generali li l-ghamil amministrattiv imur mod iehor kontra l-ligi[100]. F'dan ir-rigward, il-kumpannija attrici tghid li d-decizjoni milhuqa kienet imsejsa fuq konsiderazzjoni illegali u li dwar dan kellha l-opinjoni tal-konsulent legali taghha stess li jwissiha. Ikun xieraq li din l-allegazzjoni tigi mistharrga. F'ittra mibghuta lill-Awtorita' fit-28 ta' Jannar, 2002, jigifieri qabel ma ttiehdet id-decizjoni tat-30 ta' Jannar, 2002, il-konsulent legali tal-Awtorita' wera thassib li t-talba tal-Malta Labour Party li jressaq *spots* bla hlas fuq it-televizjoni pubblika ma kinitx tista' tintlaqa' ghaliex tmur lil hinn minn dak li trid il-Kostituzzjoni. Kemm hu hekk il-Kummissjoni jidher li segwiet dak il-parir. Il-kumpannija attrici qeghda tghid li d-decizjoni mehuda mill-Awtorita' f'Gunju, 2002, tmur kontra dak il-parir u, b'konsegwenza, kontra l-ligi. Il-Qorti, izda, wara li qieset fit-tul din ic-cirkostanza ssib li dak it-thassib seta' ma kienx misthoqq. Il-Qorti tasal ghal din il-fehma meta tara x'jipprovdi l-artikolu 13(5) tal-Kap 350, li jirreferi proprju ghas-subartikolu ta' qablu li jitkellem dwar xandiriet politici maghdudin *spots* politici, u fejn ghal darbtejn isemmi l-access minghajr hlas kemm dwar servizzi ta' produzzjoni u kif ukoll ghat-trasmissjoni nnifisha;

Illi minn dan kollu l-Qorti tislet il-fehma li l-ebda wahda mic-cirkostanzi mahsuba mil-ligi li tirregola l-istharrig minn Qorti ta' ghamil amministrattiv dwar imgiba lil hinn mis-setghat moghtija (*ultra vires*) ma ntwera li tezisti fi grad tali li twaqqa' d-decizjoni milhuqa mill-Awtorita';

Illi, madankollu, il-kumpannija attrici ressqet ilmenti ohrajn dwar id-decizjoni tal-Awtorita' li jisthoqqilhom jigu konsiderati. Hija tilmenta li d-decizjoni kienet kontradittorja ma' ohra mehuda mill-Awtorita' ftit taz-zmien qabel. Huwa minnu li z-zewg decizjonijiet m'humiex kongruwi, u fihom ukoll proposta ta' rimedji li ma tantx jixxiebhu. Izda kien dejjem fil-kompetenza tal-Awtorita' mharrka li tirrevedi jew taggusta d-decizjonijiet taghha skond il-htiega: ma hemm xejn irragonevoli jew abbuziv f'dan. Dan jinghad izjed u izjed meta wiehed jara li d-

[100] Art. 469A(1)(b)(iv) tal-Kap 12

decizjoni tat-30 ta' Jannar, 2002, ma kinitx halliet ezitu ghall-kwestjoni. Fi kwalunkwe kaz, ladarba l-Awtorita' tat direttiva gdida, il-kumpannija attrici kienet mistennija li tikkonforma ruhha maghha, u mhux taghzel li tibqa' thares decizjoni li, sewwasew minhabba li ma taqbilx ma' ohra sussegwenti, ghandha titqies bhala li giet revokata minn din tal-ahhar;

Illi l-kumpannija attrici lmentat ukoll li sa ma nghatat id-decizjoni tas-6 ta' Gunju, 2002, ma kienet inghatat l-ebda spjega li l-i*spots* allokati lill-Partit Laburista ma kinux jitqiesu bhala reklami. Dan l-ilment huwa generalment misthoqq: kien biss xi jiem wara li ttiehdet id-decizjoni tas-6 ta' Gunju, 2000, li l-Awtorita' gharrfet lill-kumpannija attrici li l-hin mehud mill-i*spots* ma kellux ikun komputat bhala parti mill-hin riservat ghar-reklami. M'huwiex car jekk din il-kjarifika kinitx twasslet lill-kumpannija attrici sal-waqt li nfethet din il-kawza. Minkejja dan kollu, kien diga' deher li l-Awtorita' ma kinitx qeghda tqis l-i*spots* tal-M.I.C. bhala reklami, u kien daqstant mistenni li l-ispots tal-Malta Labour Party ikunu tal-istess natura. Fuq kollox, lanqas ma jista' jinghad li dak in-nuqqas ixejjen l-effetti tad-decizjoni jew johloq fiha cirkostanza ghat-thassir taghha bhala wahda li ma kinitx tiswa jew li kienet nulla;

Illi l-kumpannija attrici tghid li maghha saret diskriminazzjoni bis-sahha tad-decizjoni tal-Awtorita' mharrka, u dan ghaliex din ma tatx ordni lil stazzjon privat li kien ukoll qieghed ixandar l-i*spots* tal-M.I.C. Huwa principju llum il-gurnata assodat illi biex jirrizulta kaz ta' diskriminazzjoni, irid ikun muri li nghata trattament differenti bejn persuni fl-istess cirkostanzi. Dan minbarra rekwiziti ohrajn bhal nuqqas ta' bazi ragonevoli u objettiva ghal din id-differenza ta' trattament u nuqqas ta' proporzjonalita' bejn il-mezzi wzati fit-trattament u l-ghan mirat[101]. Issa diga' kellna okkazjoni naraw li l-ligi taghti lix-xandir pubbliku responsabbilta' partikolari dwar programmi ta' ahbarijiet jew programmi ta' grajjiet kurrenti.

[101] Ara, per ezempju, Kost. **3.11.1993** fil-kawza fl-ismijiet ***Vassallo et vs Ministru tal-Edukazzjoni u Intern et*** (Kollez. Vol: **LXXVII.i.127)** u Kost. **31.5.1999** fil-kawza fl-ismijiet ***Sultana vs Segretarju Permanenti fl-Uffizzju tal-Prim Ministru*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.163**) u l-ghadd ta' sentenzi hemm imsemmijin

Din ir-responsabbilta' ma jidhirx li giet ukoll estiza ghall-istazzjonijiet privati, ghalkemm wiehed jittama li f'dan ir-rigward ukoll fil-gejjieni jsir titjib kwalittattiv mehtieg u jigu ezercitati, minn min ghandu d-dmir, kontrolli kif imiss. Ghalhekk, fid-dawl ta' dan kollu, ma jistax jinghad li hemm diskriminazzjoni, billi m'hemmx paragun mal-qaghda li thaddan il-kumpannija attrici;

Illi jekk fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li saru hawn fuq qieghed johrog li d-decizjonijiet mehuda mill-Awtorita' mharrka kienu jaqghu fil-limiti tas-setghat taghha skond il-ligi u li kienet sahansitra marbuta li tiehu dawk il-passi sabiex thares il-htigiet fondamentali ta' imparzjalita' u bilanc, allura l-Qorti qeghda tasal biex tifhem ukoll li ladarba dawk id-dmirijiet jghabbu, kif inghad, bla ebda eccezzjoni lil kull min ixandar programmi televizivi, allura l-kumpannija attrici ma tistax ma titqiesx ukoll mghobbija fil-ligi milli taghmel l-istess. Fi kliem iehor, ma jidhrilhiex din il-Qorti li huwa sewwa u ekwu li l-kumpannija attrici tilmenta mid-decizjonijiet mehuda dwarha meta messha minn rajha hadithom hi. Il-fatt li l-Awtorita' mharrka waslet biex hadet il-mizuri impunjati ma jibdel xejn mill-htiega li kienet tinkombi skond il-ligi fuq il-kumpannija attrici li tizgura l-imparzjalita' u bilanc xierqa dwar ix-xandiriet in kwestjoni;

Illi jifdal issa li l-Qorti tqis **<u>il-hames talba tal-kumpannija attrici</u>**. Il-kumpannija attrici tghid li din it-talba nholqot il-htiega taghha minhabba li d-decizjoni attakkata taghmel distinzjoni bejn xandir privat u xandir pubbliku. Min-naha taghha, l-Awtorita' mharrka tqis li din it-talba hija fiergha u bla bzonn ghaliex mhix kontestata u lanqas rilevanti ghas-soluzzjoni tal-kwestjoni li ghandha quddiemha l-Qorti. Minn qari tad-decizjoni msemmija, il-Qorti ma ssib imkien fejn jinghad li l-Kostituzzjoni taghraf bejn xandir privat u xandir pubbliku. Fil-fatt, huwa minnu li t-test Kostituzzjonali ma jaghmel l-ebda distinzjoni bhal din. Dan huwa spjegabbli wkoll ghaliex meta tfasslet il-Kostituzzjoni ma kienx hemm ghajr xandir wiehed, dak immexxi mill-Istat li kien iservi ta' xandir pubbliku. L-artikolu 119 tal-Kostituzzjoni baqa' ma nbidel qatt minn mindu dahal fis-sehh. Kif inghad diga' izjed qabel, kull

sentenza li nghatat mill-Qrati taghna dwar kwestjonijiet marbuta max-xandir qabel dik ta' *Fenech Adami noe vs Pirotta noe* fl-1997, ma kinitx tikkunsidra sitwazzjoni ohra ghajr dik ta' xandir monopolizzat mill-Istat. Anke fiz-zmien tal-ghoti tal-imsemmija sentenza fl-1997, ix-xena tax-xandir televiziv ma kinitx wiesgha daqs kemm hija llum, biz-zieda minn dak inhar 'l hawn ta' stazzjonijiet privati ohrajn, minbarra dawk li jittrasmettu bil-mezz tal-*cable*;

Illi ladarba l-kumpannija attrici baqghet tishaq fuq decizjoni dwar dik it-talba taghha, il-Qorti trid tiddecidiha, ukoll minhabba l-fatt li b'xi mod taghmel parti rilevanti fl-assjem ta' konsiderazzjonijiet li saru dwar il-kwestjoni. Li trid tghid il-Qorti hu li ghalkemm il-Kostituzzjoni ma taghmel l-ebda distinzjoni bejn xandir privat u dak pubbliku, il-ligi specjali llum fis-sehh taghmilha tali distinzjoni. Taghmilha fis-sens li izzid mal-obbligi li l-kumpannija attrici, bhala il-kumpannija mghobbija bir-responsabbiltajiet ta' xandir pubbliku, ghandha li thares l-obbligi fondamentali ta' imparzjalita' msemmija fit-test Kostituzzjonali; taghmilha wkoll fis-sens li lill-Public Broadcasting Services taghtiha koncessjonijiet li m'humiex moghtijin lix-xandara privati; u taghmilha wkoll fil-kaz li, parti sewwa mid-dhul taghha, jingabar mill-hlas ta' licenzi li l-pubbliku in generali huwa marbut li jhallas ghas-servizz televiziv (liema cirkostanza ma tapplikax favur stazzjonijiet televizivi privati). Mill-bqija, l-kumpannija attrici ghandha l-istess obbligi u l-istess jeddijiet li ghandhom l-istazzjonijiet televizivi privati. Il-Qorti ghalhekk, fil-qies li ghandha tiehu biex tipprovdi dwar din it-talba attrici - liema talba sejra tintlaqa' - ma tistax twarrab il-kwalifika maghmula f'dan l-istadju;

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda tiddeciedi billi:

Filwaqt li **tichad l-ewwel eccezzjoni** tal-Awtorita' mharrka bhala mhix misthoqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' t-tieni eccezzjoni** tal-istess Awtorita' tax-Xandir u tiddikjara li d-decizjoni mehuda mill-Awtorita' mharrka fis-6 ta' Gunju, 2002, kif sussegwentement mibdula fit-13 ta' Gunju, 2002, kienet proporzjonata u fil-parametri tal-

Kostituzzjoni u tal-ligi, u ghalhekk torbot lill-kumpannija attrici;

Konsegwentement **tichad l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba' u s-sitt talbiet attrici**;

**Tilqa' l-hames talba attrici,** li mhix kontestata, u tiddikjara li l-Kostituzzjoni ma taghrafx bejn xandir privat u xandir pubbliku, imma bil-kwalifika ghal din id-dikjarazzjoni kif imfissra fil-parti deliberativa ta' din is-sentenza; u

Tordna li **l-ispejjez jithallsu mill-partijiet** skond ir-rispettiv rebh u telf.

**Moqrija,**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.,**
**5 ta' Settembru, 2002**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**5 ta' Settembru, 2002.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------